# DAWL FRANĠISKAN

LEHEN IL-KAPUĊĊINI MALTIN



# ĠUBLEW 2000

JANNAR 2000 • L-GHOXRIN SENA • GHADD 196 • NEWSPAPER POST

# Werrej...


EDITORJAL 1
*minn P. Joe Alessandro ofm cap*

ĦAJJA NISRANIJA 2
Suret il-Bniedem
*minn P. Joe Alessandro ofm cap*

EKUMENIŻMU 3
Li jkunu lkoll ħaġa waħda
*minn Bro. Mario Attard ofm cap*





RIFLESSJONI U AZZJONI 6
Teleskopju fuq il-Ħajja
*minn P. William Axiaq ofm cap*

KENJA 8
L-Ittri
*minn P. Hilary Abela ofm cap*

KENJA 10
Aħbarijiet mill-Missjoni

SPIRITWALITÀ FRANĠISKANA 12
Il-Misteru ta' l-Inkarnazzjoni u San Franġisk fil-Filatelija
*minn P. Martin Micallef ofm cap*






INTERVISTA 14
Nitkellmu ma' P. Kornelju Bonello
*minn Bro. Andrè Azzopardi ofm cap*

BIBBJA 15
L-Istorja tal-Maġi
*minn P. Donat Spiteri ofm cap*

ĠUBLEW 2000 16
Il-Ġublew fit-Testment il-Qadim
*minn P. Publius Mair ofm cap*

TWEĠIBA 18
*minn P. William Axiaq ofm cap*

KUBA 19
Il-Morda u l-Anzjani f'Kuba
*minn P. Frans Baldacchino ofm cap*

ŻGĦAŻAGĦ FRANĠISKANI 20
Ħallejtha teffetwak il-Millenium Bug?
*minn Marouska Xerri gi. fra.*





O.F.S. 21
Stil ta' Qadi Franġiskan
*minn P. Frans Abela ofm cap*

NOVELLA 22
Il-Wegħda
*minn Lina Brockdorff ofs*

IT-TISLIBA - POEŻIJA 24
*minn P. Wistin Attard ofm cap*

VOKAZZJONIJIET Qoxra 3
Knisja b'Differenza
*minn P. Joe Giuliano ofm cap*



DAWL FRANĠISKAN

**JANNAR 2000**
**L-20 sena**
**Għadd 196**





**Qoxra 1:**
***Il-Bażilka ta' San Pietru f'Ruma - post ewlieni taċ-ċelebrazzjonijiet tal-Ġublew 2000 - fuq sfond tat-Trinità Mqaddsa.***


**BORD EDITORJALI:**
Joe Alessandro ofm cap (Direttur u Editur)
Wistin Attard ofm cap
Frans Abela Giusti ofm cap
Noel Pace
Maria Mercieca ofs
Dorian Holland ofs
Keith Spiteri gi.fra.



**DIREZZJONI U AMMINISTRAZZJONI**
Kunvent tal-Kapuċċini,
Floriana - VLT 14
Tel: 233874/225525/234949
e-mail: ofmcap@keyworld.net

**DISINN U LAYOUT:**
IMAGE 2000 Ltd., B'Bugia
**MITBUGĦ:**
P.E.G. Ltd., San Ġwann.



Kull korrispondenza, artikli, kitbiet u ittri biex jidhru fid-DAWL FRANĠISKAN għandhom jiġu indirizzati lill-Editur. Id-Direzzjoni tirriserva d-dritt li tippubblika fid-DAWL FRANĠISKAN dawk l-artikli, ittri jew tagħrif ieħor li jidhrilha li jkunu jaqblu max-xejra tar-rivista.


Ħlas ta' l-Abbonament: Lm 4 fis-sena.
Kull offerta, barra mill-ħlas, hi milqugħa bħala għajnuna għall-Missjoni, li għandha tintbagħat lid-
Direttur
Ċentru Missjoni Kapuċċini
Kunvent tal-Kapuċċini
Floriana - VLT 14

# EDITORJAL

minn
P. Joe ALESSANDRO ofm cap

# IL-PROĠETT TAL-MILLENJU



Qegħdin fil-Millenju l-ġdid. Diġà minn snin ilu diversi pajjiżi u organizzazzjonijiet kienu bdew jitkellmu u jħejju xi proġett partikulari biex jibqa' jfakkar dan il-Millenju. Uħud minn dawn il-proġetti, li ħafna minnhom kienu jikkonsistu f'bini ta' strutturi jew monumenti oħra, qajmu diskussjonijiet sħaħ u kontroversji li, jew waqqfu xi wħud minn dawn il-proġetti, jew għamlulhom xi tibdil, jew, minkejja kollox, baqgħu sejrin bihom xorta waħda.

Il-Knisja wkoll, minn diversi snin ilu ħabbret u bdiet twettaq proġett: Il-Ġublew Imqaddes. U anke hawn ma naqsux il-polemiki u l-kontroversji. Min ħares lejn iċ-ċelebrazzjoni ta' dan il-Ġublew bħala okkażjoni ta' kummerċ, min qajjem il-kwestjoni ta' l-indulġenzi, min qal li l-Knisja għandha titkellem u tiddefendi aktar lil min qed ibati minn xi inġustizzja, min qal ħaġa u min qal oħra. Min kien favur dawn iċ-ċelebrazzjonijiet, min kien kontra u min lanqas biss kien u għadu jimpurtah.

Jien inħoss li dan il-Ġublew Imqaddes mhux biss jagħmel sens fil-ħajja tal-Knisja, u b'xi mod fis-soċjetà wkoll, talli għandna napprofittaw ruħna minnu u nagħmluh il-proġett personali tagħna għal dan il-Millenju, u li jħalli frott fina għas-snin ta' wara wkoll. Iżda dan nagħmluh jekk nifhmu x'inhi l-vera tifsira tal-Ġublew.

Il-Ġublew huwa sena jew żmien ta' maħfra f'kuntest ta' ċelebrazzjoni ta' ferħ. Fit-Testment il-Qadim il-Ġublew kien żmien li fih jinħafru d-djun kollha, jingħata l-ħelsien lill-ilsiera u kulħadd jerġa' għal li kien. Kienet maħfra li terġa' ġġib lil kulħadd kważi l-istess, indaqs, bħala aħwa, ulied l-istess missier tagħhom Abraham.

Ġesù, bil-miġja tiegħu elfejn sena ilu, ġie biex iniedi wkoll il-maħfra tad-djun li l-bnedmin kollha kellhom, għandhom u jkollhom ma' Alla l-Missier, u jerġa' jfakkarna li aħna lkoll indaqs quddiem Alla; ilkoll uliedu, u allura lkoll aħwa. Għalhekk għandna niċċelebraw bil-ferħ dan il-Millenju għax nafu li Alla lest jaħfrilna n-nuqqasijiet kollha tagħna. Hija sena ta' maħfra min-naħa ta' Alla Missierna.

"Aħfrilna dnubietna bħalma naħfru lil min hu ħati għalina" hekk nitolbu kuljum permezz tat-talba tal-'Missierna'. Mela, il-maħfra jrid ikollha ż-żewġ naħat: Alla lilna, u aħna 'l xulxin. U dan irid ikun il-proġett personali tagħna li filwaqt li nersqu lejn Alla nitolbuh jaħfrilna, nersqu wkoll lejn xulxin u nitolbu u nagħtu maħfra lil xulxin.

Qed jingħad ħafna fuq li l-pajjiżi sinjuri għandhom jaħfru d-djun lill-pajjiżi midjunin magħhom, kif ukoll fuq li għandha tingħata xi forma ta' amnestija lill-ħabsin. Huma ħwejjeġ ta' min wieħed jikkonsidrahom. Iżda jibqgħu dejjem deċiżjonijiet li jrid jieħu ħaddieħor. Tajjeb li ma' dawn il-konsiderazzjonijiet ma ninsewx li kull waħda u wieħed minnha rridu nibdew minna nfusna u naraw kif aħna (int u jien) nistgħu naħfru lill-oħrajn u, jekk hemm bżonn, nitolbu maħfra lil min inqasna.

Ejjew nibnu l-proġett personali tagħna fuq il-MAĦFRA: nitolbu, nagħtu u niċċelebraw il-maħfra. B'hekk ikollna sena ta' PAĊI u FERĦ f'qalbna. Dawn huma l-isbaħ xewqat li d-Direzzjoni ta' Dawl Franġiskan tixtieq lill-qarrejja kollha. ❑

*"Ħa nagħmlu l-bniedem fuq is-sura u x-xbieha tagħna."*
*(Ġen 1, 26)*

# "Suret il-Bniedem"

## Fondazzjoni favur il-foqra Maltin

minn P. Joe ALESSANDRO ofm cap

Nhar il-Ġimgħa, 26 ta' Novembru 1999, ġiet imnedija uffiċjalment fondazzjoni ġdida bl-isem 'Suret il-bniedem'. Din hija inizjattiva tagħna l-Patrijiet Kapuċċini li sitt snin ilu ftaħna dar fil-Fgura bl-għajnuna tal-familja Borg biex ngħinu żgħażagħ bla dar li jkunu għadhom kemm ħarġu mill-ħabs jew ikollhom problemi mal-familji tagħhom.

Kien P. Leopoldu Tabone ofm cap. li, mill-esperjenza li kellu bħala kappillan tal-ħabs, kien jiltaqa' ma' żgħażagħ li, wara li jiskontaw sentenza tal-ħabs, jispiċċaw barra t-triq għax il-familji tagħhom ma jkunux iriduhom lura. F'sitt snin id-dar *Welcome Home* tal-Fgura kienet tat kenn lil madwar 150 żagħżugħ. Meta l-Patrijiet Kapuċċini raw kemm kienet kbira l-ħtieġa għal nies li kienu bla dar, ħasbu biex jippjanaw aħjar dan is-servizz. Għaldaqstant twaqqfet din il-Fondazzjoni "Suret il-Bniedem" li għandha ċ-*Chairman* tagħha s-Sur Joe Gerada.

Fil-preżentazzjoni tiegħu, is-Sur Gerada qal li l-fondazzjoni tixtieq tkun sieħba strateġika ta' tliet istituzzjonijiet tal-gvern, jiġifieri ta' l-Awtorità tad-Djar, tal-Korporazzjoni tax-Xogħol u Taħriġ u tad-Dipartiment tal-*Welfare*. Dan qed isir għax irridu nħarsu lejn il-bniedem sħiħ.

Persuna li ma jkollhiex fejn toqgħod aktarx li jkollha problemi oħra, bħal nuqqas ta' xogħol. Għalhekk inutli li persuna bla dar tipprovdilha dar imbagħad tħalliha għal riħha bla mpjieg. Min jispiċċa mill-ħabs, anki jekk ikun riabilitat, xi drabi ma jsibx fejn joqgħod u lanqas xogħol. L-istess, min jispiċċa minn programm ta' riabilitazzjoni mid-droga jkun hemm min ma jkunx aċċettat lura fil-familja. Hemm min ikun għadda xi żmien *Monte Carmeli* u, avolja jkun fieq, ma jsibx min jaċċettah lura d-dar. Il-Fondazzjoni "Suret il-Bniedem" qed tipprova tidħol f'parti minn din il-problema xi ftit jew wisq kumplessa.



*P. Leopoldu Tabone fil-"Welcome Home" meta kienet għadha l-Fgura.*

> *"Tassew, ngħidilkom, kull ma għamiltu ma' wieħed mill-iżgħar fost dawn ħuti, għamiltuh miegħi."*
> *(Mt 25, 40)*

Il-Fondazzjoni diġà għandha dar fil-Gżira, mislufa ġentilment mill-Kongregazzjoni tas-Sorijiet Agostinjani, li qed tużaha għal żgħażagħ sakemm dawn jiġu fuq saqajhom ekonomikament u mbagħad ikunu jistgħu jżommu dar jew appartament tagħhom bil-kera. Il-Fondazzjoni kisbet ukoll żewġ postijiet oħra, wieħed minnhom minn għandna l-Kapuċċini u l-ieħor minn donazzjoni privata. Bħalissa dawn il-postijiet qed ikunu rranġati.

Matul din l-aħħar sena madwar 80 żagħżugħ sabu kenn. Bħalissa, fid-dar tal-Gżira hemm 16-il resident u 30 oħra li jmorru hemm għal matul il-ġurnata, fejn ikunu jistgħu jieklu, jaħslu ħwejjiġhom u anke jinħaslu. L-etajiet ta' dawn huma bejn is-16 u t-48 sena.

Il-Fondazzjoni Suret il-Bniedem għandha servizz ta' *social workers*, 24 siegħa kuljum li jaraw li tinżamm id-dixxiplina u l-ordni, u jekk għal xi raġuni jidħol xi ħadd li ma jżommx mar-regoli, dan jitkeċċa minnufih. Fil-fatt, f'din id-dar tal-Gżira, jidħlu biss dawk li jkunu riabilitati u mhux li jkollhom problemi bħal droga, imġieba ħażina jew anti-soċjali jew affarijiet simili. Ir-raġuni hi li l-Fondazzjoni Suret il-Bniedem m'għandhiex il-mezzi u n-nies biex tagħti kura lil nies bħal dawn.

Nawguraw li din il-ħidma tissokkta u tkompli tikber għall-ġid ta' dawk fil-bżonn. ❑



# Li jkunu lkoll ħaġa waħda

*"M'iniex nitlob għal dawn biss, imma wkoll għal dawk li għad jemmnu fija bis-saħħa tal-kelma tagħhom; nitolbok li jkunu lkoll ħaġa, waħda. Kif inti fija u jiena fik, ħa jkunu huma wkoll ħaġa waħda fina, biex hekk id-dinja temmen li inti bgħattni."* (Ġw 17, 20-21)

**minn Bro. Mario ATTARD ofm cap**

**D**in it-talba ta' Ġesù lill-Missier saret it-talba tiegħi ukoll. Hija kelma li timlieni b'ferħ kbir u tagħtini skop għalxiex ngħix.

L-ekumeniżmu huwa moviment bl-iskop li din it-talba ta' Ġesu' issir laħam. Iva, li bil-qawwa ta' l-Ispirtu s-Santu, l-Insara kollha jsiru "lkoll qalb waħda u ruħ waħda" (Atti 1, 14). Din l-għaqda sseħħ meta "l-insara kollha għad jingħaqdu f'ċelebrazzjoni waħda ta' Ewkaristija u fl-unità tal-Knisja waħda u waħdanija, f'dik l-unità li Kristu sa mill-bidu ta lill-Knisja tiegħu u li aħna nemmnu li għadha hemm bla ma tista' tintilef fil-Knisja Kattolika u li nittamaw li tkompli tidher kuljum dejjem iżjed sa l-aħħar żminijiet" (*Unitatis Redintegratio* nru 4).

*Ritratt fuq: Il-Papa Ġwanni Pawlu II flimkien ma' rappreżentanti ta' twemmin nisrani u ta' reliġjonijiet oħra f'Assisi f'Ottubru 1986.*

*Isfel: Il-Papa f'waħda mil-laqgħat ekumeniċi li kellu ma' rappreżentanti tal-Knisja Ġudajka.*



Fuqiex għandha sseħħ din l-għaqda? Fl-aħħar Enċiklika li titkellem fuq l-ekumeniżmu, *Ut Unum Sint* (Ħa jkunu lkoll ħaġa waħda), fin-numru 79 jissemmew dawk l-oqsma li fihom mhemmx għaqda fil-fidi. Dawn huma:

- Ir-relazzjoni lejn l-Iskrittura, li għandha l-ogħla awtorità dwar il-fidi, u t-tradizzjoni, li wieħed ma jistax jgħaddi mingħajrha biex ifisser il-Kelma ta' Alla;
- L-Ewkaristija, sagrament tal-Ġisem u d-Demm ta' Kristu, offerta ta' tifħir lill-Missier, tifkira sagrifikali u preżenza reali ta' Kristu, tiswib santifikanti ta' l-Ispirtu s-Santu;
- L-Ordinazzjoni bħala sagrament fit-tliet ordnijiet tal-ministeru: episkopat, presbiterat u djakonat;
- Il-Maġisteru tal-Knisja fdat lill-Papa u lill-Isqfijiet f'xirka miegħu, miftiehem bħala responsabbiltà u awtorità f'isem Kristu għat-tagħlim u l-ħarsien tal-fidi;

• Il-Verġni Marija, Omm Alla u ikona tal-Knisja, Omm spiritwali li tidħol għad-dixxipli ta' Kristu u għall-umanità kollha.

Papa Ġwanni XXIII kien jinsisti fuq dak li jgħaqqadna akbar minn dak li jifridna. X'inhu dak li jgħaqqadna? Il-Kostituzzjoni Dommatika dwar il-Knisja, *Lumen Gentium,* meta titkellem dwar il-Knisja u l-Insara mhux Kattoliċi tgħid li l-Knisja taf li għal ħafna raġunijiet hija maqgħuda ma' dawk li, għalkemm mgħammdin u mżejnin bl-isem ta' nsara, ma jipprofessawx il-fidi fl-integrità tagħha jew ma jħaddnux l-unità tal-komunjoni taħt is-suċċessur ta' Pietru. Hemm ħafna, infatti, li jżommu l-Iskrittura Mqaddsa bħala regola ta' fidi u ta' ħajja u juru wkoll żelu reliġjuż sinċier; huma jemmnu b'imħabba f'Alla Missier li jista' kollox u fi Kristu, Iben ta' Alla u Salvatur; huma immarkati bil-magħmudija li tgħaqqadhom ma' Kristu; anzi huma jagħrfu u jaċċettaw fil-Knejjes jew komunitajiet ekkleżjastiċi tagħhom sagramenti oħra wkoll. Ħafna minnhom għandhom ukoll l-episkopat, jiċċelebraw l-Ewkaristija Mqaddsa u jħaddnu devozzjoni lejn il-Verġni Omm Alla.

Ma' dan wieħed irid iżid l-għaqda fit-talb u f'ġid spiritwali ieħor; anzi hemm ċerta għaqda vera fl-Ispirtu s-Santu li jaħdem fihom ukoll bil-qawwa tiegħu li tqaddes, bid-doni u l-grazzji tiegħu, u li lil xi wħud minnhom tahom il-qawwa li jżommu sħiħ sat-tixrid ta' demmhom.

Huwa bil-qawwa ta' l-Ispirtu s-Santu li sseħħ l-għaqda ta' dawk li jemmnu. Kien Hu li nissel din ix-xewqa fi qlub l-Insara. Huwa l-Ispirtu li jġedded u jagħti l-ħajja. Kif u b'liema mod nistgħu aħna l-Insara nwieġbu għal din is-sejħa li bla waqfien qiegħed jagħmlilna l-Ispirtu ta' Alla? Il-Katekiżmu tal-Knisja Kattolika fin-numru 821 jagħtina seba' għajnuniet kif dan il-għan, bil-qawwa ta' Alla, jintlaħaq.

• Tiġdid li ma jaqtax tal-Knisja fil-fedeltà dejjem akbar lejn is-sejħa tagħha. Dan it-tiġdid huwa l-qawwa tal-moviment lejn l-għaqda.

• Il-konverżjoni tal-qalb biex wieħed jgħix l-Evanġelju b'mod aktar safi, għaliex hu n-nuqqas ta' fedeltà għad-don ta' Kristu tal-membri tiegħu li joħloq il-firdiet.

• It-talb flimkien, għax il-konverżjoni tal-qalb u l-qdusija tal-ħajja flimkien mat-talb pubbliku u privat għall-għaqda ta' l-Insara għandhom jitqiesu bħala r-ruħ ta' kull ekumeniżmu u bid-dritt kollu jistgħu jissejħu ekumeniżmu spiritwali.

• L-għarfien ta' xulxin bħala aħwa.

• Il-formazzjoni ekumenika ta' l-insara, speċjalment tas-saċerdoti.

• Id-djalogu bejn it-teoloġi u l-laqgħat bejn l-insara ta' Knejjes u komunitajiet differenti.

• Il-ħidma flimkien ta' l-insara fl-oqsma kollha tas-servizz lill-bnedmin.

Quddiem dawn is-seba' għajnuniet li l-Mulej qed ipoġġilna quddiemna permezz tal-Knisja, tajjeb li aħna bħala Nsara Kattoliċi ngħarblu lilna nfusna jekk aħniex ngħinu sabiex din l-għaqda sseħħ. Huwa d-dmir tiegħi u tiegħek li nitolbu u naħdmu għal din l-għaqda. Is-sejħa ekumenika mhijiex xi sejħa biss ta' xi wħud. Hija sejħa li toħroġ mill-istess sejħa komuni li tgħaqqadna ma' ħutna nsara oħra; dik tal-magħmudija. Aħna lkoll responsabbli għal xulxin. Minn dan



*Il-Patrijarka ta' Kostantinopli, Bartolomeo I, mal-Papa Ġwanni Pawlu II ħdejn il-qabar ta' San Pietru fis-27 ta' Ġunju 1995.*

*Isfel: Bukarest, 8 ta' Mejju 1999: il-Papa u l-Patrijarka Teoctist jiffirmaw l-appell kontra l-gwerra.*





*Il-laqgħa tal-Papa ma' rappreżentant tal-Knisja Ortodossa - Awissu 1986. Fir-ritratt iż-żgħir: F'Czestokowa, Polonja: l-għaqda ta' dawk kollha li jemmnu fi Kristu - sfida għal kull wieħed u waħda.*



id-dinja tagħraf li aħna ta' Ġesu', kemm inħobbu lil xulxin bħall-aħwa.

Huwa fatt li s-sena elfejn mhijiex se ssibna magħqudin flimkien. Iżda kif jgħid il-Papa fil-ktieb "Immorru 'l hemm mill-għatba tat-Tama" jeħtieġ li s-sena 2000 issibna aktar maqgħudin bejnietna, aktar lesti biex naqbdu t-triq għal dik l-għaqda li Kristu talab għaliha lejlet il-passjoni tiegħu. Is-siwi ta' din l-għaqda hu bla qjies. B'xi mod għandha x'taqsam mal-ġejjieni tad-dinja, mal-ġejjieni tas-Saltna ta' Alla fid-dinja. Id-dgħufija u l-preġudizzji tal-bnedmin ma jistgħux jeqirdu dak li hu l-pjan ta' Alla għad-dinja u għall-umanità. Jekk inqisu dan kollu, nistgħu nħarsu lejn il-ġejjieni b'ottimiżmu. Nemmnu "li dak li beda din l-opra tajba fina, iwassalha għat-tmiem" (ara Fil 1,6).

Wieħed minn ħuti l-patrijiet darba qabbilli taqbila ħelwa li fi ftit kliem tiġbor dak li ppruvajt ngħid. Qalli: "*Ut Unum sint* - dak li trid int". Alla, li jrid lill-bnedmin kollha jsalvaw u jaslu biex jagħrfu l-verità, kemm iżjed irid jara l-għaqda bejn dawk li jistqarru lill-Ibnu bħala l-Messija, is-Salvatur ta' l-umanità?

Ġużeppi qal lil ħutu: "U jekk ħukom iż-żgħir ma jinżilx magħkom, intom ma tarawx iżjed wiċċi" (Ġen 44, 23). Min jaf jekk il-Mulej Ġesù meta nidher quddiemu għall-ħaqq hux se jistaqsini jekk lil ħuti l-Insara ġibthomlux miegħi. Dawn ħuti għandhom post f'qalbi? Qed inġorrhom miegħi? Qiegħed tassew inħobbhom? Tgħid m'għandhomx x'jgħallmuni kif għandi nħobb tassew? ❑

# Teleskopju fuq il-Ħajja



minn P. William AXIAQ ofm cap

Tindhis ma' xi żgħażagħ, osservazzjoni f'ċerti ħwienet li jbigħu rikordji ta' Malta u Għawdex u qabża sal-gżira għawdxija bil-vapur u lura jdaħħluna fi tliet riflessjonijiet li jnebbħu u jħeġġu għall-bidla tal-ħajja.

## 1 IL-QUDDIESA TAL-ĦADD *BORING*

In-numru ta' żgħażagħ li mhumiex imorru quddies nhar ta' Ħadd qiegħed dejjem jikber. Hemm ħafna fatturi li jispjegaw dan kollu. Meta tistaqsi lil żgħażagħ ir-raġuni li minħabba fiha mhumiex imorru l-knisja nhar ta' Ħadd u fil-festi kmandati x'aktarx jgħidulek l-istess espressjoni li issa tgħallimnieha bl-amment: "Il-quddiesa hi *'boring'*" waqt li jirriferu għaċ-ċelebrant. Din saret l-istqarrija orkestrata li toħroġ mill-fomm ta' ħafna żgħażagħ li għaddejjin minn kriżi ta' fidi. Id-disco biss mhux *'boring'*!!! Iż-żgħażagħ iżjed jaqblilhom jitfgħu l-ħtija fuq il-quddiesa milli jitfgħuha fuqhom stess. Ħadd ma jrid il-pulizija wara l-bieb ta' daru!

Dawn li joħorġu b'din l-istqarrija qegħdin iħallu barra ħaġa ta' min jikkalkulha għax importanti. Meta l-quddiesa tkun *'boring'* tassew huma u kull min ikun preżenti, ftit jew wisq, ikunu qed jagħtu sehemhom



biex tkun hekk. Il-quddiesa mhux is-saċerdot biss jagħmilha interessanti imma anki min jieħu sehem fiha; mhux iċ-ċelebrant biss jagħmilha 'monotona' imma anki min ikun qed jattendi għaliha. Jekk tirriżulta *'boring'* tort ta' min ikun preżenti għaliha wkoll, għax ma jkunx qed jagħmel il-parti tiegħu/tagħha biex ma tibqax *'boring'*.

Kieku kelli nirraġuna bħalma qed jirraġunaw ċerti żgħażagħ, kieku lanqas noħroġ inqaddes daqskemm ċerti nies jagħmluli l-quddiesa *'boring'*. Kieku kelli nagħti kas ċerti affarijiet, kieku qatt ma naċċetta quddiesa ta' tieġ daqskemm jagħmluha *'boring'* ċerti mistednin preżenti 'passivament' għaliha. Ikolli seba' mitt sena sakemm nerġa' nidħol fis-sagristija. Kieku noqgħod nagħti kas ta' kemm ċerti nies preżenti għal ċertu quddies iniżżluhuli velenu, kieku lanqas nibqa' nidher fuq l-artal. Madankollu nibqa' noħroġ inqaddes u nkompli nagħmel mill-aħjar biex, sakemm jiddependi minni, il-quddiesa nagħmilha interessanti.

Ċerti żgħażagħ il-quddiesa jew tkun kif iridu huma, jew iddejjaqhom. Qed jinsew, iżda, li huma parti importanti mill-quddiesa ... mhumiex spettaturi imma atturi tagħha.

Anki jekk tkun *'boring'*, xorta waħda jridu jagħtu sehemhom mhux billi jirtiraw u jipprotestaw imma billi jagħmlu xi ħaġa biex ma tibqax hekk. Żgħażagħ li jħobbu l-ġid tal-Knisja f'pajjiżna hekk jagħmlu.

## 2 FUQ IL-VAPUR TA' GĦAWDEX

Nieħu pjaċir nivvjaġġa bejn Malta u Għawdex u lura mill-ġdid, l-aktar meta t-temp jippermetti. L-arja tal-Fliegu tiftaħlek il-pulmuni, tagħtik saħħtek u tqajjimlek l-aptit.

Fuq il-*ferry boat*: *'Gozo Channel Line'*, 'Għawdex' jew *'Calypso'* tieħu pjaċir tara nies jiltaqgħu u jifirħu b'xulxin; u tieħu gost tara turisti miġbura jaqraw gwidi fuq l-istorja u l-postijiet tal-gżira tat-tliet għoljiet.

Il-pjaċir tal-vjaġġ, jiddispjaċini ngħid, ġieli nqalibli ħesrem f'niket meta tisma' xi wħud, anki filgħodu kmieni, jidgħu jgħajtu u jitkellmu baxx, anki fil-preżenza ta' nies li suppost iġibulhom sudizzjoni. Għaliex għandek tivvjaġġa bejn il-gżejjer Maltin u l-vjaġġ li jservik rikreazzjoni għandu jinżillek torturi għax tinkwieta meta tisma' ċertu diskors li jweġġa' s-sentimenti reliġjużi tiegħek?



Mhux hekk biss. Fis-sala tal-vapur ta' Għawdex tiltaqa' ma' ħafna persuni li jafu jġibu ruħhom sew għax edukati. Imma tiltaqa' wkoll ma' oħrajn li l-*etiquette* lanqas jafu fejn joqgħod. Għaliex ħafna għajjat, iżjed u iżjed meta f'ċerti ħinijiet ikun hemm ħafna nies barranin fuq il-vapurett? Biex wieħed jitkellem fuq xogħol, skola u negozju hemm bżonn ta' ħafna għajat? Jew biex wieħed jiċċajta u jidħak hemm bżonn isemma' s-sala kollha?

Il-vjaġġ bejn Malta u Għawdex u lura lejn Malta ma tantx jieħu ħin, madankollu jista' jeħodlok ruħek. Xi ftit titbaqbaq meta tara u tisma' ċerti affarijiet li ma jinżlulekx, iżjed u iżjed fuq l-għatba ta' millenju ġdid li jitlob minna iżjed maturità umana u spiritwali, speċjalment fil-pubbliku.

Min jivvjaġġa ta' spiss bejn Malta u Għawdex irid jiftakar li mhux kulmin ikun fuq il-vapur ikun sejjer jew ġej b'divertita. Xi persuni jkunu qed ibaħħru biex imorru għal xi kura jew għal xi eżami. Irridu nirrispettawhom bl-imġiba ċivili u reliġjuża tagħna, għax imġiba mod ieħor tagħtihom fastidju.

## 3 SERQ BLA ĦNIENA

Naħseb li ċerti nies, speċjalment fost dawk li jafu jagħmlu l-flus, insew li jeżisti s-seba' kmandament: la tisraqx. Ġralhom hekk għax ħakmithom l-idolatrija tar-rebgħa, il-flus telgħulhom għal rashom u ma huma jaraw xejn ħlief kif se jsiru miljunarji f'qasir żmien b'kull mezz possibbli. Dawn it-talin jemmnu ħafna li l-bniedem ta' personalità llum huwa biss min għandu setgħa monetarja, min għandu kemxa flus ġmielha fl-aqwa banek tad-dinja, u ħadd iżjed. Ħajjithom hija ddeterminata minn din il-konvinzjoni u ambizzjoni.

Hawn għalliema li għax għandhom in-negozju bħala *second job,* tarahom iħallu l-iskola bħallikieku xejn biex imorrru jaħdmu fir-*restaurants* tagħhom għax dak in-nhar se jkun hemm ħafna turisti. Oħrajn jaħdmu fit-tali post, u jaraw kif jiżgiċċaw biex imorru Fl-għelieqi tagħhom. Jew oħrajn jiskartaw mlx-xogħol biex jieħdu bil-luzzu tagħhom lit-turisti f'dak il-post jew l-ieħor.

Semmejt ftit mill-abbużi li qegħdin isiru fuq ix-xogħol b'serq serju ħafna.

Ċerti lukandi jew ħwienet fejn jinġabru n-nies għall-ikel, għax wasal il-millenju, donnu xi ħadd tahom id-dritt biex jgħollu l-prezzijiet tal-*lodging* u tal-menu. Xi wħud minnhom hekk se jagħmlu biex ma jitilfux din l-okkażjoni mitqlu deheb! Se jagħmlu hekk għax huma żguri li n-nies bi prezz inqas jew b'wieħed għoli xorta waħda se jiġu għal btala f'Malta, jew joħorġu jieklu barra biex jiċċelebraw bidu ta' millenju u seklu ġdid. Jgħidulek: "Kulħadd stordut bil-millenju mela nipprofittaw ruħna minn dan l-isturdament, u nkomplu nistagħnu!"



Xi ngħidu għal xi ħwienet li qed jidħku daħk kbir u nġust bit-turisti? Lil dawn kulħadd jirrikkomandalhom jixtru l-bizzilla maħduma bl-idejn u l-bejjiegħa mnejn imorru jixtruha jagħmlu ta' bir-ruħhom biss li hi artiġjanali meta fil-fatt tkun maħduma bil-magni. Madankollu jżommulhom il-flus daqslikieku kienet *handcraft.* Ara x'tostaġni!

Dawn huma kollha dnubiet serji, ikbar mill-ksur tas-sitt u d-disa' kmandament. Huma dnubiet li jitolbu restituzzjoni jew inkella ħaqq u vendetta quddiem Alla. Qed jiksru l-ġustizzja soċjali, li mhix ċajta.

- Mulej, ġagħalni nifhem bħala persuna żagħżugħa nisranija li ma nistax immur regolarment kull nhar ta' Ħadd għas-sagrifiċċju tal-quddiesa mingħajr spirtu ta' sagrifiċċju.
- Ġesù, għallimni kif inkun xhieda tiegħek anki fuq il-vapur ta' Għawdex.
- Mulej, ikkonvinċini li s-serq huwa dnub kbir, u agħmel li noħroġ minnu jekk inqbadt fil-morsa tiegħu.

**Ibgħatulna BOLOL u TELECARDS użati. Int ma titlef xejn, u aħna naqilgħu minnhom għall-Missjoni.**



# L-ITTRI

minn *P. Hilary ABELA ofm cap*

***Il-kitba ta' l-ittri hija ħaġa mill-isbaħ. L-ittri jressqu lejn xulxin lil dawk tal-bogħod u jagħtuhom kull tagħrif meħtieġ. Il-kitba ta' l-ittri lill-qraba u lill-ħbieb hija qawwa li ssaħħaħ u ddejjem il-ħbiberija mqar lil dawk li qatt ma ltaqgħu flimkien.***

Ittra fiha nfisha titlob ċerimonja sħiħa qabel ma titlaq minn idejn il-kittieb u tasal f'idejn il-qarrej. Hekk ngħidu aħna, envelop b'kuluri li juruk fejn trid tintbagħad l-ittra, il-karta li fuqha jinkitbu l-ħsibijiet, żmien biex tikteb, ħlas f'użu ta' bolli biex l-ittra tasal fil-post, u l-ġranet li jgħaddu biex tasal għand min ġiet mibgħuta.

Ħafna drabi idek titqal biex tikteb kelmtejn u tibgħathom. Għal dawn it-talin ġew stampati kartolini għal kull okkażjoni bi kliem mill-isbaħ. Kull ma jkun jonqos li tagħmel huwa li tikteb ismek taħt il-kliem stampat u suq ħa mmorru.

Għall-Afrikan ħafna mill-affarijiet li semmejna m'għandhomx siwi. Hu jħares biss lejn il-messaġġ li jrid iwassal lil ħaddieħor. Għalih il-kwalità tal-karta li sa jikteb fuqha u x'sa jikteb fl-ittra bi kliem żbaljat jew le m'għandhomx importanza. L-aqwa li jikteb dak li għandu f'moħħu imbagħad il-qarrej jifhem b'xi mod jew ieħor il-messaġġ ta' fuq l-ittra.

Ħafna drabi jiġuk ittri ta' xi ħadd li mar l-iskola. Hawn suriet il-kitba fl-ittra jkollha xejra xi ftit differenti minn dik li nkitbet minn nies ta' bla skola.

Għal dawk li għandhom xi ftit ta' tagħlim il-kitba fl-ittra għandha ċerta forma. Il-kittieb l-ewwel isemmi li kien Alla li tah il-ħila biex jikteb u jibgħad il-messaġġ li hemm ġo l-ittra. It-tieni jistaqsik kif qiegħed tqatta' ż-żmien u jekk tinsabx b'saħħtek. It-tielet huwa l-messaġġ li jrid jgħidlek - li ħafna drabi l-kittieb iżid l-għajnuna li jixtieq min-għandek. Fl-aħħar jgħidlek li sa jħallik fil-paċi tal-Mulej.

L-ittra tingħalaq f'envelop b'kulur ikun li jkun. L-importanti hu li din tasal għand il-qarrej.

### *MESSAĠĠI*

Fl-imgħoddi l-Afrikan kien jibgħad il-messaġġi f'għamla ta' ilħna. Daqq ta' tambur jew qarn tawwali ta' xi annimal selvaġġ kellhom it-tifsira tagħhom. Għal dan ix-xogħol kont issib xi wieħed li jifhem f'dawn is-sinjali. Dħaħen minn fuq xi għolja ftit li xejn kienu jintużaw.

Maż-żmien il-messaġġi bdew jinkitbu fuq biċċa karta. Din wara li tintena f'erbgħa tintrabat ma' biċċa fergħa ta' siġra u tingħata lil xi ħadd magħruf għall-ġiri biex iwassalha lill-qarrej. L-ittra kienet tinrabat ma' fergħa ta' siġra f'każ li l-ġerrej ikollu jaqsam xi xmara jew jogħdos f'xi għadira ilma li tkun fonda. Kull ma kellu jagħmel il-ġerrejj huwa li jgħolli l-fergħa 'l fuq biex ma tixxarrabx l-ittra. L-ittra għandha tasal għand il-qarrej fl-inqas ħin possibli.

Il-barranin bdew jgħallmu lill-Afrikani fuq l-użu tal-posta. Illum il-ġurnata s-servizz postali huwa bħal dak ta' l-Ewropa u postijiet oħra. Jingħad li l-bolol Afrikani huma mfittxija ħafna minħabba l-għamla ta' sengħa li huma magħmulin.

Għalkemm ħafna mill-Afrikani jagħmlu użu mill-posta, oħrajn għadhom ifittxu s-sistema antika: dik li jibagħtu l-ittri bl-idejn.

Mhux l-ewwel darba li tiltaqa' ma' xi ħadd u jagħtik ittra biex twassalha x'imkien. Darba kont fil-karozza tal-linja u f'ħin minnhom tela' raġel u tani ittra biex nagħtiha lill-bejjiegħ li jiġi jdur mal-karozza tal-linja fl-ewwel raħal li naslu. Mifxul fil-ħsibijiet bla ma ridt għedtlu: "U jekk il-karozza ma tiqafx ħdejn il-bejjiegħa tal-frott x'nagħmel bl-ittra?" Ir-raġel, bla ma qagħad joqgħod jaħseb, qalli: "Armiha mit-tieqa tal-karozza. Xi ħadd isibha u jagħtiha lil sidha". Hekk għamilt kif qalli dak ir-raġel, li jien, sal-ġurnata ta' llum, għadni ma nafx min hu.

Billi ma sirtx naf x'kien sar mill-ittra li kont waddabt mit-tieqa tal-karozza xtaqt li nagħmel prova. L-ewwel vjaġġ li kelli qbadt biċċa karta u ktibt fuqha: "Jien hu l-Patri". Għamilt il-karta f'envelop u ktibt ismi u fejn noqgħod. Kif wasalna l-ewwel raħal waddabtha mit-tieqa tal-karozza. Kien għadda qisu xahar mill-ġrajja ta' l-ittra. Ma' dan kollu, l-ittra wasletli b'dak kollu li kont ktibt fuqha.

Il-missjoni tagħna hija qrib ħafna tal-baħar Indjan, li minnu jgħaddu ħafna vapuri. Ħafna drabi l-baħrin jaqbdu flixkun, jitfgħu fih xi ħaġa tal-flus imgeżwra f'ittra u jagħlqu l-flixkun. Il-baħrin jarmu l-flixkun il-baħar u merħba bih min isibu.

Din l-għamla ta' messaġġi hija magħmula iżjed b'ċajta. Ma' dan kollu kien hemm min sab xortih. Tifel fqir mill-missjoni tagħna sab mhux biss dak li kien hemm fi flixkun mormi l-baħar, imma l-ħlas għall-edukazzjoni tiegħu.

### IL-VALUR TA' L-ITTRI

L-Afrikan jagħti importanza kbira għall-ittri li tiktiblu. Iħossu fid-dmir li jwieġeb kull ittra li jirċievi. Dan minħabba l-fatt li l-Afrikan iżjed iħares lejn l-individwu fih innifsu milli lejn l-għamla tal-karta u l-kitba li jkun hemm fuqha. Intbaħt b'dan il-fattur kull meta ktibt ittra lil xi ħadd. *(Ikompli f'paġna 10)*



*Id-daqq tat-tanbur jew il-qarn jistiednu lill-ġemgħa għat-talb..*

*Ritratt f'paġna 8: Dawk li għandhom it-tagħlim japprezzaw ħafna l-kitba ta' l-ittri.*



*L-Afrikan huwa magħruf għal mixi u ġiri fit-tul: metodu li kien jintuża biex titwassal ittra jew messaġġ.*

# 60 sena Profess Perpetwu

## 1939 - 1999

minn P. Pupull CASSAR ofm cap

Kien il-5 ta' Novembru 1939 meta għamilt din il-Wegħda Solenni lil Ġesù fil-kunvent tal-Kapuċċini l-Kalkara f'idejn il-Provinċjal P. Bernard Galea. Għaddew tant snin minn fuqi li kważi kollha għaddejthom fi ħdan l-Ordni Kapuċċin.

Dħalt reliġjuż fis-16 ta' Settembru 1934. Inqalgħet il-gwerra, u biex inkunu iżjed protetti ħaduna fil-kunvent ta' Għawdex. Komplejt l-istudji hemm u fil-25 ta' Lulju 1942 ġejt ordnat saċerdot flimkien ma' sħabi l-oħra. Wara ftit ġejt mibgħut fil-parroċċa tat-Trinità Mqaddsa, il-Marsa, u hemm għaddejt erba' snin sakemm mort missjunarju fl-Indja. Wara disa' snin irriturnajt Malta biex immur l-Awstralja bħala kappillan ta' l-emigranti Maltin. Hemm domt wieħed u għoxrin sena. Minn hemm ġejt hawn fil-missjoni tal-Kenja fl-10 ta' Lulju 1981.

Issa, mgħobbi bl-età ta' 81 sena għadni naħdem fil-Kenja. Għandi klinika bi tliet *nurses* u *technologist*; nitma' 150 tifel u tifla kuljum; waqqaft *kindergarten*, bnejt *hostel* għal 30 ruħ, u knisja sabiħa ħafna ddedikata lil San Ġuda Taddew. Id-devozzjoni lejn dan il-qaddis kibret ħafna kif kibret fil-knisja tagħna tal-Kalkara.

Il-quddiesa, għalija, hija l-iżjed ħaġa importanti fil-ħajja ta' saċerdot. Ġesù Sagramentat kien, għadu u jibqa' ċ-ċentru ta' ħajti bħala reliġjuż u saċerdot.

Imxejt il-mixja twila ta' 60 sena mal-Mulej, u bil-grazzja tiegħu mhux biss ipperseverajt fil-vokazzjoni tiegħi imma ħdimt għalih u għext dejjem kuntent. Darba n-neputi tiegħi, Enzo Gusman, staqsieni: "Zi, kif irnexxilek tgħix din il-ħajja għal dawn is-snin kollha?" Għedtlu: "Għażiż Enzo, hija l-grazzja ta' Alla li għenitni biex ngħix kuntent f'dan l-istat li għażilt. Moħħi dejjem kien li nkun missjunarju, u nitlob kuljum li mmut bħala missjunarju."

Nappella liż-żgħażagħ li qegħdin ifittxu l-hena: din l-hena ssibuha f'Ġesù. Huwa jimla' l-qalbkom bl- imħabba u l-ferħ. Mhix ħaġa impossibli li tgħix ma' Ġesù u b'Ġesù.

Il-grazzja ta' Alla għenitni biex ngħix fidil lejn il-wegħdiet li għamilt 60 sena ilu, u nittama li mmut magħqud ma' Ġesù, Marija, San Franġisk ta' Assisi u San Ġuda. Faħħru miegħi lill-Mulej għal kemm għamel miegħi matul dawn is-snin kollha. ❑



# L-ITTRI

(*Ikompli minn paġna 9*)

Jekk l-ittra tintbagħad li xi ħadd li jgħix f'komunità, ngħidu aħna ta' patrijiet jew sorijiet, l-ittra tgħaddi minn id għall-oħra. Huwa sinjal li min irċieva l-ittra jrid jaqsam il-ferħ tiegħu ma' kulħadd.

Ħafna drabi jkollok tikteb xi ittra uffiċjali, ngħidu aħna biex tgħallem jew twissi fuq xi ħaġa ta' siwi kbir lill-ġemgħa ta' l-insara. Meta xi darba tinqara ittra bħal din, fil-knejjes tagħna, il-ġemgħa ssammar għajnejha lejk u tixrob kull kelma li titlissen.

Ġieli nkitbu ittri biex issejjaħ li xi ħadd fl-uffiċju parrokkjali. Min jirċievi l-ittra ma jonqosx li jiġi u jara xi trid tgħidlu.

Ittri ta' laqgħat, festi jew ġbir ta' flus għal xi ħadd fil-bżonn huma milqugħin b'ferħ kbir għax l-ittra turi stedina speċjali lit-tali ndividwu.

Ittra, messaġġ, tħarbix fuq karta ... Mhux id-dehra li tiswa, imma l-qalb ta' min bagħathom, għax il-kitba hija turija ta' dak li hemm mistur fil-qalb: ħbiberija u ġieħ lejn xulxin. ❑

# Professjoni Perpetwa u Ordinazzjoni ta' Djaknu



*Bro. Godfrey (l-ewwel fuq il-lemin) flimkien ma' sħabu s-seminaristi*

Bro. Godfrey Odunga, issa li temm l-istudji tiegħu tat-Teoloġija, għamel il-Professjoni Perpetwa tal-Wegħdiet Reliġjużi fil-knisja tas-seminarju tagħna l-Kapuċċini f'Langata, Nairobi, fil-Kenja, nhar is-Sibt, 20 ta' Novembru 1999. Tmint ijiem wara, fis-27 ta' Novembru Godfrey ġie ordnat Djaknu fil-knisja parrokkjali ta' Ongata Rongai minn idejn l-Isqof Colin Davies tad-Djoċesi ta' Ngong.

Nifirħu u nawguraw lil dan ħuna Godfrey Odunga għal dan il-pass 'il quddiem li għamel kemm fil-ħajja reliġjuża kif ukoll fil-mixja tiegħu lejn is-saċerdozju. Inkomplu nitolbu għalih u għal sħabu l-oħra ħalli l-Mulej jibqa' jżomm idejh fuqhom u jsejjaħ aktar vokazzjonijiet permezz tagħhom.

Grazzi wkoll lill-benefatturi u lil dawk li ħallsu Boroż ta' Studju biex għenu u għadhom jgħinu lis-seminaristi tagħna fil-Kenja.

## Bro. Joe Vella Malta



Ħuna Joe Vella jinsab fostna għall-mistrieħ mistħoqq tiegħu wara 4 snin li kien ilu fostna l-aħħar darba. Bro. Joe, li issa ilu jaħdem fil-Missjoni tal-Kenja għal dawn l-aħħar ħdax-il sena, bħalissa huwa responsabbli mill-*Diocesan Water and Sanitation Project*. Dan il-proġett jikkonsisti filli jitħaffru bjar u jiġu nstallati fuqhom pompi ta' l-idejn biex in-nies ikunu jistgħu itellgħu l-ilma kull meta jkollhom bżonn. F'dawn l-aħħar ħmistax-il xahar ġew imħaffra 54 bir u tlestew bil-pompa b'kollox. Dawn il-bjar huma mifruxin f'diversi villaġġi tad-Djoċesi ta' Garissa.

Nawguraw lil Bro. Joe ġranet ta' mistrieħ fostna u fost il-ġenituri tiegħu, ħutu u ħbiebu.

## ITTRA MILL-KLAWSURA

Għażiż Fr. Joe,

Minkejja li għaddiet 'il fuq minn ġimgħa fuq il-Ġurnata Missjunarja, nixtieq ngħidlek li kont ferm magħquda magħkom fl-Ewkaristija li ċċelebra l-Isqof Mons. Pawlu Darmanin fil-knisja tagħkom il Furjana. Fl animazzjoni ta' l-Għasar li kellna hawn dak inhar, għamilna użu mis-*Sanctus* tal-*Missa Luba*, u allura ma stajtx ninsa' l-missjunarji! Għalkemm fqira u żgħira f'dik li hija ħajja spiritwali, inħossni ferm viċin tal-missjunarji, mhux biss minħabba ż-żmien li għaddejt u għixt f'Garissa, iżda wkoll għall-fatt li Isqof missjunarju kellu jkun li jippresiedi fl-Ewkaristija tal-Professjoni Temporanja tiegħi. Dan kien l-Isqof Mons. Silvestru Magro OFM ta' Bengħażi. Insellimlek mill-qalb u nirringrazzjak taċ-ċertifikat li għoġobkom tippreżentawli. Nafda lili nnifsi fit-talb tiegħek, hekk kif ngħożż lilek u l-aħwa kollha f'talbi.

Oħtok fil-Mulej Ġesù,
Sr Claire Francois

***Nota: Sr Claire Francois hija soru tal-klawsura fil-monasteru tal-Klarissi f'San Ġiljan. Qabel ma ngħaqdet mas-sorijiet, Nancy (hekk kien jisima' qabel ma daħlet soru) għaddiet sentejn bħala voluntiera lajka fil-missjoni tagħna l-Kapuċċini fil-Kenja. Nifirħula għall-Professjoni li għamlet u nitolbu għaliha.***

# Il-Misteru ta' l-Inkarnazzjoni u San Franġisk fil-Filatelija

L-EWWEL PARTI

minn P. Martin MICALLEF ofm cap

***Fil-ħarġa tad-Dawl Franġiskan ta' Diċembru 1991 (pp 4-6) kont ippubblikajt artiklu dwar il-bolli b'tema Franġiskana li qanqal interess mhux biss fost il-kollezzjonisti tal-bolli, imma wkoll fost dawk li għandhom għal qalbhom il-messaġġ Franġiskan. Dan minħabba li dawn il-bolli juru episodji li ħafna drabi jfakkruna fil-paġni ta' l-Evanġelju li fuqu hu mibni l-messaġġ tal-Fqajjar ta' Assisi. Mill-ħarġa ta' dan l-artiklu sa llum, għaddew tmien snin u n-numru ta' bolli bit-tema ta' San Franġisk u l-misteru ta' l-Inkarnazzjoni żdied mhux ħażin. Għalhekk, fuq talba ta' ħafna, qed nippreżentaw dawn il-bolli li ħarġu s'issa b'din it-tema. Nittama li 'l quddiem inkunu nistgħu nippubblikaw artikli oħra fuq il-Filatelija b'tema oħra Franġiskana.***

Qabel ngħaddu biex nitkellmu fuq dawn il-bolli, tajjeb li nagħtu ftit tagħrif ġenerali fuq il-bolli. L-ewwel bolla li qatt dehret fid-dinja kienet dik maħruġa mill-Ingilterra f'Mejju ta' l-1840. Fuqha kien hemm stampat ix-xbieha tar-Reġina Vittorja. Minn dak in-nhar 'il quddiem sa llum, dehru bosta bolli oħra b'xi xbieha jew simbolu reliġjuż.

Jidher li l-ewwel bolla li fuqha jidher San Franġisk ta' Assisi kienet dik maħruġa mill-Italja fil-11 ta' Ġunju 1923. Din ħarġet bħala kommemorazzjoni tat-Tielet




Ċentinarju tal-Fundazzjoni tal-Kongregazzjoni tal-*Propaganda Fidei (Ritratt fuq).*

Ta' min jinnota li l-bolli li sejrin nirriproduċu f'dan l-artiklu huma ta' l-istess qjies li ħarġu bih oriġinalment.

L-ewwel bolla li tinteressana, jiġifieri li turi lil San Franġisk f'rabta ma' l-Inkarnazzjoni hija maħruġa mill-Ekwador f'Mejju ta' l-1967, fl-okkażjoni tar-IV Kungress Ewkaristiku Nazzjonali. Il-bolla b'valur ta' 10c tagħmel parti minn serje ta' sitt bolli. Il-bolla turi l-Madonna bilqiegħda fuq tron u f'ħoġorha għandha l-Ġesù Bambin. Fuq ix-xellug, għarkobbtejh, jidher San Franġisk li




qed jitlob b'idejh magħqudin, filwaqt li fuq il-lemin hemm Santa Klara. Il-pittura hija xogħol ta' artist mhux magħruf u ma nafux lanqas il-post fejn tinsab.

It-tieni bolla hija dik ta' l-Anguilla, li ħarġet fil-11 ta' Diċembru 1970 fl-okkażjoni tal-Milied. Il-bolla tagħmel




parti mis-serje ta' ħames bolli, u ġġib il-valur ta' 20c. Hija riproduzzjoni tal-pittura ta' Benozzo Gozzoli (1420-1497) u turi bosta anġli u qaddisin madwar il-Madonna bil-Bambin. San Franġisk jidher fuq il-lemin, għarkobbtejh b'Idejh imsallbin kontra xulxin.




It-tielet bolla *(fuq)*, kif ukoll dik ta' warajha, jagħmlu parti mill-istess serje ta' sitt bolli, maħruġin minn Monaco fit-12 ta' Novembru 1973, fl-okkażjoni tas-750 Anniversarju mill-istituzzjoni tal-presepju ta' Greccio.

L-ewwel bolla li ġġib il-valur ta' 30c hija fuq il-lewn vjola u turi waħda mill-pitturi ta' Giotto (1266-1337) li nsibuha fil-Bażilika Superjuri ta' San Franġisk f'Assisi. F'din il-bolla nilmħu lil San Franġisk għarkobbtejh, liebes bl-ilbies ta' Djaknu, u li qed jerfa' f'idejh il-Bambin mill-maxtura.

Il-bolla l-oħra *(isfel)* bil-valur ta' 3f u bl-lewn aħdar turi presepju artistiku fi gwarnic, donnu f'nicca. Dan hu skola Fjamminga tas-seklu XV. Lil San Franġisk ta' Assisi, bir-raġġiera madwar rasu, bilwieqfa, u b'idejh miftuħin, insibuh fuq ix-xellug. Maġenbu hemm patri ieħor għarkobbtejh qrib il-Madonna.







Fis-sena ta' wara, imbagħad, jiġifieri fis-26 ta' Novembru 1974, fl-okkażjoni tal-festa tal-Milied, l-Italja ħarġet bolla bil-valur ta' 40L. Il-bolla turi l-affresk li nsibuh fis-Santwarju Franġiskan ta' Greccio, xogħol tas-seklu XIV. Ix-xena tfakkar il-ġrajja ta' meta San Franġisk iċċelebra l-Milied fi Greccio fl-1223. Il-qaddis ta' Assisi jidher mill-ġenb, għarkobbtejh, liebes dalmatika bajda iddisinjata, b'idejh ġunti, iħares lejn il Bambin imdawwar bil-faxex bojod, imqiegħed f'maxtura qrib l-artal.

Fl-istess sena, jiġifieri fil-25 ta' Novembru 1974, fl-okkażjoni tal-festa tal-Milied, Samoa I Sisifo, ħarġet sett ta' erba' bolli u fuljett *(ritratt isfel)*. Dik li għandha l-valur ta' 4s hija riproduzzjoni tal-kwadru tal-Verġni Marija bil-Bambin Ġesù ma' erba' qaddisin, xogħol ta' Lorenzo Lotto (1480-1556). Fuq ix-xellug, jidher San Ġirolmu u San Pietru, filwaqt li fuq il-lemin hemm Santa Kjara u San Franġisk b'wiċċu mdawwar lejn Omm Alla. Il-pittura li saret fl-1506, tinsab fil-Gallerija Nazzjonali f'Edinburgh, l-Iskożja.

*(Ikompli fil-ħarġa ta' Frar)*



minn Bro. Andrè AZZOPARDI ofm cap



# nitkellmu ma' Patri KORNELJU BONELLO

**• Kif nibtet fik il-vokazzjoni?**

Meta kont żgħir qatt ma kelli kuntatt ma' xi reliġjużi Kapuċċini. Imma fil-gwerra, flimkien mal-familja tiegħi, li dak iż-żmien kelli 14-il sena, morna refuġjati r-Rabat. Hemmhekk hemm diversi kunventi ta' Ordnijiet Reliġjużi u kont nitgħaxxaq nara u nisma' lir-reliġjużi jgħidu flimkien l-Uffiċċju Divin. U bdiet tiġini l-ħajra li bħalhom ngħix il-ħajja fraterna. Darba, meta nżilna mir-Rabat, kont qed nidħaddet ma' sieħbi u staqsejtu fejn imur skola, għax fejn kont immur jien intlaqtet bil-bombi u ftit li xejn kien ikollna lezzjonijiet. Qalli li kien imur f'dik tal-Kapuċċini, il-Furjana. Kif mort id-dar, għidt lill-ommi u din marret għand Dun Ġużepp u wegħedha li jkellem lill-Provinċjal tal-Kapuċċini, P. Bernard Galea. U hekk għamel, u sibt ruħi nattendi l-Iskola Serafika. Aktar ma għadda ż-żmien aktar issaħħaħt fil-vokazzjoni sakemm, fit-8 ta' Jannar 1944, mort fil-Kunvent ta' Għawdex, u fis-16 ta' Jannar bdejt in-Novizzjat.

**• Tiftakar xi drawwiet li m'għadhomx isiru fi ħdan il-Provinċja?**

Niftakar li rari waqt l-ikel kien jinkiser is-silenzju, ħlief fil-Ħdud, fil-festi kmandati u f'xi okkażjonijiet speċjali. Lejlet il-festa ta' l-Immakulata u dik ta' San Franġisk konna nieklu għarkubbtejna. Minn Ottubru sa Ġunju, bejn l-Erbgħa u l-Ħamis, konna nqumu bil-lejl biex flimkien ngħidu l-Matutin u l-Lawdi. Kuljum, wara l-Quddiesa Konventwali kienet tingħata l-Barka Sagramentali. Fil-Ħdud u l-festi kmandati kollha, wara l-meditazzjoni ta' wara nofs inhar konna nkantaw il-litanija tal-Madonna u tingħata l-Barka Sagramentali. Bir-riformi li seħħu wara l-Konċilju Vatikan II ħafna affarijiet inbidlu, speċjalment dawk liturġiċi, fil-Knisja kollha.

**• X'kienet il-ħidma tiegħek fi ħdan il-Provinċja?**

L-ewwel ħidma tiegħi fil-Povinċja kienet dik ta' Kalendarista, jiġifieri li nikkomponi dak il-ktejjeb li joħroġ ta' kull sena li fih ta' kuljum aħna s-saċerdoti naraw x'Quddiesa se nqaddsu u x'Uffiċju Divin se nitolbu. Meta tawni dan l uffiċċju kien għad jonqosni sentejn biex inqaddes. Dan kien jagħmlu P. Venanz Zammit, iżda minħabba l-mard ma setax jagħmlu aktar, u allura tawh lili. Domt nagħmel dan ix-xogħol għal 23 sena. Kont Viċi Direttur ta' l-Istudenti tagħna għal 3 snin; Ċerimonjier u Sagristan Maġġur f'diversi kunventi; Viċi Parroku l-Marsa u San Ġwann; Gwardjan tal-Kunventi ta' Għawdex, Floriana, San Ġwann u l-Marsa (Trinità); Kappillan ta' l-isptarijiet: Lazzarett, San Vinċenz de Paul, *Blue Sisters*, *King George V* (illum Sptar Boffa), Tal-Ferħa u Ħaż-Żmien. Kont ukoll Direttur Spiritwali ta' divesi għaqdiet reliġjużi: Ż.Ħ.N, *Legion of Mary*, Azzjoni Kattolika, Xirka ta' l-Isem Imqaddes ta' Alla, *Piccolo Clero*, Terzjarji Franġiskani u Gruppi Kariżmatiċi.

**• Naf li tħobb ħafna l-liturġija. Kif bdiet il-ħajra u x'taħseb li għandu jsir biex iċ-ċelebrazzjonijiet fejn il-poplu jagħti qima lil Alla jsiru aħjar?**

L-ewwel wieħed li mlieni bl-imħabba lejn il-Liturġija kien in-nannu tiegħu Salvu Portelli li għal 52 sena kien sagristan tal-knisja parrokkjali ta' Ħal-Tarxien, u jienkont inkun dejjem miegħu. Kont abbati, u allura kont nieħu sehem fil-funzjonijiet kollha li kienu jsiru b'serjetà u solennità. Meta dħalt fl-Ordni Kapuċċin kont naqra ħafna, kemm kotba kif ukoll rivisti liturġiċi. Dan barra li ħadt ħafna tagħrif fuq il-liturġija mingħand P. Venanz Zammit OFM Cap. li kien jgħallem il-Liturġija, kif ukoll mingħand P. Pawl Cassar OFM. Jidhirli li biex iċ-ċelebrazzjonijiet liturġiċi jsiru sew hemm bżonn li aħna s-saċerdoti nkunu nafu tajjeb dak li trid il-Knisja. Irridu wkoll nippreparaw il-knisja, skond iż-żmien liturġiku li nkunu qegħdin fih. Fl-aħħarnett ngħallmu lill-poplu ta' Alla kif jieħu sehem sħiħ u attiv fiċ-ċelebrazzjonijiet liturġiċi, speċjalment fil-Quddiesa.

**• Li kieku jkollok terġa' titwieled, tagħżel l-istess ħajja?**

Bla dubju ta'xejn! Nitlob lill-Mulej biex dak li wegħdtu fil-Professjoni nibqa' fidil lejh. Nitolbu maħfra tan-nuqqasijiet tiegħi, u wkoll l-għajnuna biex, fil-ftit żmien li baqgħali, inkompli nagħmel xi ftit tal-ġid. ❑

# L-ISTORJA TAL-MAĠI

***Kemm kienu s-slaten maġi, tlieta jew aktar? X'nafu sewwa fuqhom? Għax min jgħid ħaġa u min jgħid oħra, u aħna xi ftit nitħawdu meta niġu biex nistaqsu x'hemm veru f'din l-istorja jew f'dak li ġie li smajna jew qrajna fuq is-slaten maġi.***

minn P. Donat SPITERI ofm cap

L-ewwelnett, il-maġi la kienu slaten u lanqas tlieta. It-test ta' l-Evanġelju (Mt 2, 1-12) kif inhu fih innifsu hu sabiħ u attraenti. Imma jħallina bil-kurżità fuq dawn il-maġi: x'kienu, min kienu, kemm kienu, mnejn ġew, kif waslu ... L-Evanġelista jgħidilna biss li "xi maġi ġew mil-lvant".

Il-kelma Griega *magoi* kienet tfisser nies għorrief fit-tifsir tal-ħolm jew taċ-ċaqliq tal-kwiekeb, jew nies imħarrġa fil-maġija. Mattew, kif jidher mill-istorja, fehem jgħid li kienu astroloġi, nies li jifhmu fil-qari tal-kwiekeb u li kienu jafu jfissruhom. Fil-każ tagħna l-maġi raw fil-kewkba s-sinjal tat-twelid tas-sultan tal-Lhud.

L-Evanġelista jgħidilna wkoll li ġew "mil-lvant". Għall-Palestina ta' dak iż-żmien il-lvant kien l-artijiet imbiegħda 'l hemm mill-Ġordan, fosthom il-Persja. Storikament, il-Persja toqgħod tajjeb għax fiha kien hemm il-ġemgħa tal-qassisin ta' Żoroaster, li kienu magħrufin għall-għerf tagħhom fuq il-fenomeni tal-kwiekeb.

Maż-żmien l-istorja kibret. Beda jingħad li kienu tlieta - skond it-tliet doni li l-maġi offrew lit-tarbija Ġesù. Din hi t-tradizzjoni popolari tal-Knisja tal-punent. Fil-Knisja tal-lvant kienu jżommu n-numru tnax. Lit-"tliet" maġi, li sejħulhom "slaten" aktarx skond Salm 72, 10 u Is 60, 6, għammduhom ukoll bl-ismijiet ta' Gaspar (sultan ta' l-Indja - għalhekk kuluru ismar), Melkior (sultan tal-Persja) u Baltassar (sultan ta' l-Arabja).

Imma l-verità ta' l-istorja taż-żjara tal-maġi u tal-qima tagħhom lil Ġesù mhijiex tant fid-dettalji storiċi, iżda f'dak li bihom fehem jgħallimna l-Evanġelista Mattew. Mattew kiteb l-Evanġelju tiegħu biex juri lil-Lhud ta' żmienu li Ġesù ta' Nazaret hu l-Messija li huma kienu qegħdin jistennew. Madankollu, meta deher fosthom, huma fil-biċċa l-kbira minnhom ma laqgħuhx. Imma l-pagani laqgħuh. Mattew juri b'enfasi dan il-kuntrast bejn l-imġiba tal-Lhud u dik tal-pagani b'rakkonti oħra bħal dan taż-żjara tal-maġi. Hekk juri bl-istorja tal-fejqan tal-qaddej taċ-ċenturjun Ruman (8, 5-13), tal-fidi tal-mara Kangħanija (15, 21-28), ta' kliem il-mara ta' Pilatu (27, 19) u taċ-ċenturjun u s-suldati sħabu (27, 54). L-Evanġelista Mattew fehem juri li Ġesù hu l-Messija-Sultan mhux biss tal-Lhud, iżda tal-pagani wkoll (12, 21; 28, 19). Hu fid-dawl ta' dan il-ħsieb ta' l-Evanġelista li għandna nifhmu r-rakkont tal-maġi.



Ir-rakkont fih innifsu hu mibni fuq riferenzi għal testi u episodji bibliċi tat-Testment il-Qadim, li fihom Mattew ra mħabbar it-twelid tal-Messija u l-missjoni tiegħu. Il-kewkba li raw il-maġi fakkritu fil-kewkba ta' Ġakobb (Num 24, 19), u hu interpretaha fis-sens messjaniku.

Ir-rigali tal-maġi jaqblu ma' dak li jingħad fis-Salm 72, 10-11. 15: "Is-slaten ta' Tarsis u tal-gżejjer jagħtuh ir-rigali, is-slaten ta' Seba u ta' Saba għotjiet iġibulu. Iqimuh is-slaten kollha, il-ġnus kollha lilu jaqdu ... Jingħata lilu deheb ta' Saba."

Lejn Ġerusalemm il-ġdida, mgħollija fil-glorja tagħha jersqu "l-iġmla żgħar ta' Midjan u Għefa; ilkoll minn Saba jiġu, mgħobbija bid-deheb u l-inċens, u jxandru t-tifħir tal-Mulej" (Is 60, 6).

Hu fuq dan l-isfond li għandna nqiegħdu l-istorja taż-żjara tal-maġi u fid-dawl tiegħu għandna nifhmuha, għax minnu ħarġet u fuqu nbniet. Mattew imbagħad sabha tajba din l-istorja biex ifisser il-ħsieb dominanti tiegħu, li Ġesù hu l-Messija mħabbar mill-profeti għas-salvazzjoni tal-pagani wkoll.

Għalhekk hu fuq il-valur teoloġiku ta' din l-istorja li għandna ninsistu u mhux fuq każijiet tad-dettalji tagħha. L-istorja tal-maġi għalina hi fuq kollox "rivelazzjoni" tal-misteru ta' Kristu għas-salvazzjoni tal-bnedmin kollha. Hi **epifanija**. ❑

# IL-ĠUBLEW fit-Testment il-Qadim

***Hekk kif idoqq nofs il-lejl ta' bejn il-31 ta' Diċembru u l-1 ta' Jannar mad-dinja kollha din id-darba ma nkunux biss nistgħu nilqgħu sena ġdida imma wkoll seklu ġdid flimkien ma' millenju ġdid, it-tielet millennju tal-Kristjaneżmu. U biex nilqgħu dan l-avveniment ġdid il-Knisja qiegħda tfakkru bil-Ġublew 2000. Is-sena 2000 ser tkun karatterizzata fil-ġrajja tal-Knisja mhux biss billi nfakkru li Kristu kien sar bniedem elfejn sena ilu, imma wkoll billi tistedinna biex nilqgħu l-isfidi taż-żmien li ġej imqawwija bl-ispirtu ta' Kristu. Il-ferħ tagħna hu nirrendu t-tagħlim tiegħu bħala ħaġa ħajja f'dak kollu li aħna ngħidu u nagħmlu, u b'hekk nipproponu mill-ġdid il-messaġġ tiegħu ta' mħabba u fejda għall-bnedmin kollha ta' żmienna.***

minn P. Publius MAIR ofm cap

Kien San Ġlormu li daħħal il-kelma ġublew fit-traduzzjoni nisranija. Huwa kien ħa l-kelma Lhudija *jobel* u qabbilha għall-kelma Latina *iubilaeum*, li tfisser għajta ta' ferħ. Fil-ġrajja tal-poplu Lhudi fit-Testment il-Qadim il-ġublew hu marbut ħafna mat-tifsira sagra tan-numru sebgħa. Kienu l-Lhud illi ħadu din it-tifsira tas-sagralità tan-numru sebgħa mingħand il-ġnus ta' madwarhom biex hekk ifissru r-ritmu soċjali u reliġjuż tal-ħajja. Fil-fatt sitt ijiem huma magħquda ma' l-obbligu tax-xogħol, waqt li s-seba' jum, is-*Shabbat* huwa l-jum tal-mistrieħ. F'dan il-jum il-poplu ta' Alla jieqaf mix-xogħol u mir-rutina ta' kuljum sabiex ikun jista' jagħti l-qima illi tixraq lil Alla għaliex huwa s-Sid tal-ħolqien kollu (Eż 20, 8-11). Hekk ukoll il-Lhud bħalma għamel qabilhom il-Ħallieq (Ġen 2, 2) jistrieħu huma u fl-istess ħin jiftakru f'dak kollu li l-Mulej kien għamel ma' missirijiethom u magħhom.



*Ix-shofar tal-Ġublew Lhudi.*

*Fil-paġna l-oħra jidher ir-romblu tat-Torah li fih l-ewwel ħames kotba tat-Testment il-Qadim, fosthom il-Levitiku li jitkellem fuq il-"jobel" (ġublew).*

Dak li hu l-jum tas-Sibt fil-kalendarju Lhudi, hekk hi s-sena sabbatika fil-medda ta' seba' snin, sena ta' waqfien mix-xogħol ta' l-art u ħelsien lill-ilsiera (Eż 21, 2-3) kif ukoll il-maħfra tad-dejn kollu. Wara seba' snin sabbatiċi, jiġifieri wara d-49 sena, kienet tiġi s-sena tal-ġublew. Kull ħamsin sena, fis-sena tal-ġublew, il-liġijiet kellhom jiġu osservati b'solennità u b'ħarsien iktar rigoruż mis-snin sabbatiċi l-imgħoddija. "Tqaddsu intom il-ħamsin sena u tniedu l-ħelsien fl-art lil kull min jgħammar fiha. Tkun is-sena tal-ġublew għalikom: kull wieħed jerġa' għalli kellu u għal ma' niesu" (Lev 25, 10).



## TIFSIRA TEOLOĠIKA

Fit-tradizzjoni Lhudija tat-Testment il-Qadim is-sena tal-ġublew kienet tibda f'ġurnata tal-ħarifa bid-daqq tax-*shofar* li kien il-qarn tal-muntun, li minn Ġersalemm sal-postijiet l-iktar imbiegħda tal-Lhudija kien ifisser li bdiet is-sena tal-ġublew. Il-ġublew kien jibda mal-festa l-kbira tal-*Jom Kippur*, il-festa kbira tal-maħfra tad-dnubiet għall-poplu kollu. B'hekk, ir-relazzjoni ta' Iżrael kienet tibda mir-rikonċiljazzjoni ma' Alla, u li bħala konsegwenza ta' din kienet tinfirex mal-bnedmin l-oħra u ma' l-art. Il-festa tal-*Jom Kippur* kienet il-festa tas-sogħba tal-bnedmin minn dnubiethom lejn Alla wara dak kollu li Alla għamel mal-poplu tiegħu. Kien Alla li ħalaq il-bniedem u ħalqu sabiex jgħix fil-ħbiberija miegħu. Ir-rikonċiljazzjoni kienet ukoll bejn il-bnedmin.

Il-Lhud kienu jqisu lilhom infushom bħala d-dixxendenti ta' Abraham u għalhekk kollha kemm huma ġejjin minn missier wieħed fuq din l-art.

Il-waqfien milli jaħdmu l-art kellu l-għan li jkompli jkabbar il-fidi ta' Iżrael f'Alla li dejjem ħa ħsieb il-poplu tiegħu. Il-ktieb tal-Levitiku fih miġbura l-elementi li fuqhom huwa mibni l-ġublew Lhudi: il-ħarsien mill-jasar lill-ilsiera, il-fejda lill-fqir mid-djun u l-mistrieħ ta' l-art għal sena sħiħa milli tiġi maħduma.

Il-Lhud kienu tgħallmu mingħand il-Kagħnanej it-teknika tat-tħaddim ta' l-art. Diġà l-Kangħnanej u ġnus oħra fil-qedem kienu kull tant żmien jieqfu milli jaħdmu l-art sabiex iserrħuha. Għal-Lhud, il-waqfien milli jaħdmu l-art għal sena kellu tifsira reliġjuża: li żżomm l-art fl-istat li Alla taha lill-bnedmin kif ukoll sabiex kemm is-sidien kif ukoll il-ħaddiema kienu jistgħu joqogħdu flimkien mal-mejda tal-providenza ta' Alla. L-għan tal-ġublew kien dan: li jwassal lil-Lhud biex ilkoll iħossuhom aħwa f'solidarjetà ma' xulxin u fuq kollox dipendenti minn Alla fil-ħajja tagħhom.

## DIFFIKULTAJIET

Għalkemm il-ktieb tal-Levitiku huwa l-uniku ktieb li jagħti regoli dettaljati dwar kif għandhom iġibu ruħhom il-Lhud fis-sena tal-ġublew, ma jidhirx li f'kotba oħra tat-Testment il-Qadim jidhru dettalji dwar kif għandu jsir. Mill-ġrajja ta' Iżrael fit-Testment il-Qadim ma jidhirx li r-regoli li jagħti l-awtur tal-ktieb ġew dejjem imħarsa. Hekk insibu fil-profeta Ġeremija meta jgħid: "Il-kelma li ġiet lil Ġeremija mingħand il-Mulej wara li s-sultan Sedekija kien kiser il-patt li kien għamel mal-poplu kollu li kien f'Ġerusalemm, meta kien nidielhom il-ħelsien, jiġifieri, li kulħadd jibgħat ħieles lill-ilsir tiegħu Lhudi u kull wieħed l-ilsiera tiegħu Lhudija, u b'hekk ħadd aktar ma jżomm fil-jasar lil ħutu Lhud. U l-prinċpijiet u l-poplu li kienu daħlu f'dan il-patt li kull wieħed jibgħat ħieles l-ilsir tiegħu u kull wieħed l-ilsiera tiegħu, sabiex ma jżommhomx aktar fil-jasar, semgħu u bagħtuhom ħielsa. Imma mbagħad reġgħu lura minn kelmthom u reġgħu ħadu lura dawn l-ilsiera, nisa u rġiel, li kienu bagħtuhom ħielsa, u għamlu minnhom ilsiera, nisa u rġiel mill-ġdid" (Ġer 34, 8-11).

Hekk ukoll fi żmien Nehemija (445 Q.K.) il-maħfra tad-dejn kif ukoll l-għoti lura ta' l-art lill-proprjetarji oriġinali tagħha kien qed isir biss f'każijiet eċċezzjonali għaliex li kieku kellhom jiġu mħarsa r-regoli tal-ġublew kieku l-ekonomija kienet tispiċċa paralizzata. Ir-raġuni kienet li minħabba li ħafna kienu dawk li l-aktar qrib is-sitt sena ma kinux idejnu għaliex kienu jkunu qrib tas-sena tal-maħfra tad-dejn u għalhekk kienu prattikament jitilfu kollox.

Aktarx li mill-waqgħa ta' Ġerusalemm (587 Q.K) il-ġublew kien jiġi osservat biss mill-aspett liturġiku kull ħamsin sena. Minħabba l-konsegwenzi ekonomiċi u soċjali, kemm il-maħfra tad-dejn kif ukoll il-ħelsien ta' l-ilsiera ma baqgħux jitwettqu. Dwar dan mhux ftit kienu r-rabbini li taw interpretazzjoni li tħoll lill-poplu ta' Iżrael milli jkun marbut verbalment mal-liġi. Iżda madankollu l-'ispirtu' tal-ġublew kompla jgħix matul il-ġrajja ta' Iżrael, l-aktar fost dawk li kienu qed jistennew dinja iktar ġusta w umana. ❑

minn P. William AXIAQ ofm cap

*Father,*

*Jiena u naqra l-kapitlu fuq iż-żwieġ u l-familja fid-dokument "Il-Knisja fid-dinja tallum" tal-Konċilju Vatikan II, iltqajt ma' ċerti espressjonijiet li fid-dawl tal-millenju l-ġdid nara li jiksbu ċerta rilevanza. Qiegħed ngħid għal meta l-Knisja tħeġġeġ lill-miżżewġin u lill-familji biex jagħtu sehemhom ħalli ż-żewġ istituzzjonijiet jimxu 'l quddiem kulturalment, soċjalment, ekonomikament, moralment u psikoloġikament. Minn banda, qisni naf xi jrid jgħid il-Konċilju b'dawn l-avverbji li juża u, fl-istess ħin, qisni ma nistax nifhimhom. Tista' tfissirhomli ftit għax, bħala raġel miżżewweġ li qed ngħix illum, inħoss ir-responsabbiltà tagħfas fuqi, biex nagħti l-kontribut tiegħi għal żwiġijiet u familji aħjar?*

Irroddlok ħajr talli ktibtli u pprovokajtni fuq suġġett daqshekk interessanti proprju fuq l-għatba ta' millenju ġdid. Iż-żwieġ u l-familja dejjem riedu jagħtu sehehom għal dinja aħjar, imma iżjed u iżjed issa. Fir-raba' Evanġelju Ġesù jħobb jirrepeti espressjoni li fil-bidu ta' seklu ġdid tikseb importanza ewlenija. Kien iħobb jgħid: "Tiġi siegħa, anzi, issa hi". Din is-siegħa waslet tassew. Jekk il-miżżewġin u l-familja sallum ħadu l-vokazzjoni tagħhom xi ftit biċ-ċajt, issa żgur ma jistgħux ikomplu jagħmlu hekk.



Il-Papa, fil-*Familiaris Consortio*, iħobb jgħid: "Familja, kun dak li int". Il-millenju l-ġdid jisfida lill-miżżewġin u lill-familji biex jagħtu sehemhom. B'hekk jifdu dawn iż-żewġ stili ta' ħajja, billi joħolqulhom kundizzjonijiet kulturali, soċjali, morali, ekonomiċi u psikoloġiċi li jaħjuhom tassew.

Il-miżżewġin u l-familji jkunu qed jagħtu sehemhom għat-tiġdid kulturali, meta jkunu jafu x'ideat strambi, ambigwi u perikolużi hawn jiċċirkolaw dwar iż-żwieġ u l-familja - frott qares ta' ċerti programmi u artikli fuq il-mezzi tax-xandir - u jaħdmu ħalli minflokom jippruvaw idaħħlu ideat f'saħħithom. Dawn jagħtu spinta lill-valuri veri taż-żwieġ u l-familja. Il-kultura attwali tidher kontra l-qdusija ta' dawn l-għamliet ta' ħajja. Hi favur l-infedeltà, id-divorzju, il-koabitazzjoni, il-kontraċettivi, l-abort, l-ewtanasja ...

Is-sehem psikoloġiku qiegħed fil-bżonn li l-miżżewġin u l-familji jisħqu, speċjalment bl-istil ta' ħajjithom, dwar il-komunikazzjoni fiż-żwieġ u l-familja. Din tiġi qabel l-aspett bioloġiku. L-ewwel l-integrazzjoni affettiva fir-relazzjonijiet ta' bejn il-membri tal-familja u mbagħad tiġi l-prokreazzjoni. Biex iż-żwieġ jirnexxi llum, il-miżżewġin iridu jitgħallmu ċerti *skills* ta' natura emozzjonali. Jekk ma jitgħallmuhomx, żgur ifallu f'mument jew ieħor.

Il-miżżewġin u l-familji jkunu qed jagħtu sehemhom soċjalment meta jgħollu leħinhom u jaħdmu ħalli mill-Unjoni Ewropea u mill-Parlament dejjem joħorġu liġijiet li ma jipperikolawx il-valuri umani u spiritwali taż-żwieġ u l-familja. Iridu jkunu kapaċi jagħmlu saħansitra *boycott* meta l-mezzi tax-xandir u l-ġurnaliżmu lokali jiffomentaw ideat u drawwiet li jheddu l-qdusija taż-żwieġ nisrani. L-istess ħaġa jagħmlu meta fid-*drama* jew fi produzzjonijiet letterarji - l-aktar fir-rumanzi - jibdew jixxerdu ideat ta' ħsara għaż-żwieġ u l-familja.

Il-miżżewġin u l-familji jkunu qed jagħtu sehem morali meta jaħdmu biex dejjem isaltan il-ħsieb ta' Kristu fiż-żwieġ u l-familja. L-'Evanġelju taż-żwieġ u tal-familja' dejjem irid jiġi mħares u l-liġi ta' Alla osservata bir-reqqa. Ikunu qed jaħdmu ekonomikament għaż-żwieġ u għall-familja meta jirnexxilhom jieħdu mingħand il-gvern dak li jaqbel iżjed lilhom milli lill-ekonomija nazzjonali. Il-ħajja tax-xogħol trid tkun ipprogrammata b'tali mod li ma tfixkilx ir-relazzjonijiet hienja ta' bejn il-membri tal-familja.

Għamiltli mistoqsija tqila. Nispera li weġibt għaliha b'mod li seta' jissodisfak. ❑




Il-ġemgħa ta' nsara li kienet preżenti għall-Quddiesa tal-Papa f'Kuba.

# Il-Morda u l-Anzjani f'Kuba

Il-Papa flimkien ma' Fidel Castro.

**minn P. Frans BALDACCHINO ofm cap**

Kuba għandha l-edukazzjoni b'xejn u fost l-insara għandna numru kbir ta' tobba u professjonisti oħra. Kollha huma lesti jgħinuna. Għandna wkoll servizz mediku b'xejn, u rata mill-inqas ta' mewt ta' trabi. Dnub li bħalissa huma neqsin mill-mediċina.

Minbarra x-xogħol tal-parroċċa, qed nieħu ħsieb kappella żgħira, li uffiċjalment hi parroċċa. Hadt f'idejja l-morda li ma jistgħux jiġu l-knisja, li skond ir-reġistru huma 140, u qegħdin nagħmlu kampanja nilħqu oħrajn. Miegħi għandi 25 viżitaturi tal-morda li jżuruhom kull ħmistax-il ġurnata u jżommu rekord ta' l-istat spiritwali u materjali ta' kull marid. Kull ġimgħa wkoll hemm xi wħud minnhom li jmorru jqarbnuhom. Hemm min jeħtieġ xi sagrament: magħmudija, tqarbin, krizma ta' l isqof ... u allura jeħtieġ xi ftit tagħlim; hemm min ħalla l-Knisja minħabba l-komuniżmu u ġie lura, u qabel jerġa' jibda jitqarben jeħtieġ xi ftit tħejjija u qrara.

Spiss immur inqaddes fid-djar tal-morda; u jekk ikun hemm morda ġirien, iġibuhom fejn inkun se nqaddes. Ġieli ħadt miegħi xi nisa tal-kor, biex nagħmlu liturġija ħajja. Il-Kubani jħobbuhom ħafna ċ-ċerimonji, u jieħdu gost bil-griżma tal-morda, għax jemmnu ħafna fil-qawwa tas-sagrament.

Hemm min jeħtieġ l-ikel, il-mediċina, lożor, xi piġama ...! Għandna grupp ta' nisa ħajjata li kull nhar ta' Tlieta jiġu jħitu oġġetti utli għall-morda u l-foqra tal-parroċċa. Ngħinuhom milli jkollna.

Kemm nistgħu, nippruvaw inżommu l-morda f'kuntatt mal-membri l-oħra tal-Knisja. Kull fuljett, ċirkulari jew tagħrif li joħroġ mill-Knisja, li f'Kuba huma ftit, nagħtuhom kopja tiegħu. F'Jum il-Morda nġibu kemm nistgħu morda l-Knisja, u wara l-Quddiesa nagħmlulhom festa żgħira u nagħtuhom xi rigal, bħal sapun, xugaman, ikel, jew oġġett ieħor utli. Magħna jkollna tobba u *nurses* li jiġu għal li jista' jinqala'. Jieħdu gost tant għax jaraw il knisja, kif ukoll għax jiltaqgħu ma' morda oħra bħalhom, ħbieb antiki, li bħalhom ma jistgħux joħorġu.

Biex inkunu nistgħu nwasslulhom kelma ta' faraġ u ta' siwi għal ruħhom, bdejt nippubblika fuljett ta' żewġ paġni li jitqassam fid-djar tal-morda. Hekk kif issuġġerejtu lill-grupp li jżur il-morda u tlabt l-għajnuna tagħhom, minħabba fil-lingwa, dlonk tabib, *nurse*, *teacher* u studenta universitarja offrew li jgħinuni. Għax hawnhekk is-sekulari jqisuh dmir tagħhom li joffru ruħhom biex jaħdmu mas-saċerdot.

Ix-xjuħ u l-morda li qiegħed nieħu ħsieb jien huma qaddisin. Għandhom ċerta tjubija ferrieħa li tgħaġġibni. Bosta għandhom età kbira, u xi wħud qabżu-il 95 sena. Iqattgħu l-ġranet u l-iljieli fit-talb. Jifirħu bil-preżenza tal-patri u tal-viżitaturi f'darhom; u wisq iktar meta nqaddes għandhom. Waħda minnhom, xiħa akka, marida ħafna u għadma u ġilda, staqsietni kif inhi ommi. Meta għedtilha li ma għandix, offrietli li tkun ommi!

Illum hawn ħafna iżjed libertà u r-relazzjonijiet bejn l-Istat u l-Knisja huma ferm aħjar. Il-Milied reġa' sar festa pubblika.

Iż-żjara tal-Papa kienet barka kbira għall-Knisja, u tat kuraġġ u tama lill-Insara. In-nies għadhom jitkellmu dwarha, u għad hawn ir-ritratti tiegħu mwaħħlin mal-bibien ta' barra, l-aktar minħabba li meta kien hawn kien qaddes fid-djoċesi ta' fejn qiegħed naħdem jiena. ❑



# Ħallejtha teffettwak il-*Millenium Bug*?

minn *Marouska XERRI gi.fra.*

Il-bniedem dejjem ħass il-bżonn li jiċċelebra. Daqqa ħaġa u daqqa oħra. Fil-ferħ u fin-niket. F'kull pajjiż u f'kull kultura. Billi huwa ħlejqa soċjali dan ikollu jagħmlu kważi bilfors. Sakemm iċ-ċelebrazzjoni tkun kif tixraq, hija aċċettata minn, u aċċettabli għal kulħadd. Kultant, iżda, xi ċelebrazzjonijiet jaslu jieħdu xejra esaġerata, bla qjies u mhux f'postha. Dan il-kliem tista' tgħidu għall-Milied u għall-bidu tas-sena u b'mod speċjali l-bidu ta' dan il-Millenju li għal ħafna minna kien jikkonsisti biss f'rigali, *parties*, u divertiment.

Il-Milied u l-bidu ta' dan il-Millenju huma żewġ attivitajiet li għamlu ħoss, li suppost ferħuk, tawk il-paċi u li suppost bihom iċċelebrajt elfejn sena mit-twelid ta' Ġesù Bambin ġo għar imwarrab ... maħmuġ ... li kien jixraq biss lill-annimali ... fil-ħemda tal-lejl.

Il-kuntrast bejn iċ-ċelebrazzjoni u r-raġuni warajha huwa tant kbir li juri biċ-ċar li l-qofol ta' dawn il-festi jew intesa' għal kollox jew twarrab. Ġesù, bit-twelid tiegħu f'dawk il-kundizzjonijiet, ried ikun solidali ma' min hu mwarrab, minsi, muġugħ u bla vuċi fis-soċjetà.

Iżda aħna, nies li ħsiebna għal kollox biex il-*Millenium Bug* ma teffettwaniex għandna mnejn ma ħsebniex f'dawk iż-żgħażagħ maqbuda fil-vizzju tad-droga u oħrajn, u ma għandhomx kuraġġ li jqumu minn din il-miżerja. Għandna mnejn injorajna lill-anzjani fi sptar jew li jgħixu waħedhom fid-djar tagħhom fejn, filwaqt li aħna ħsibna minn kmieni fejn ser ngħaddu l-ewwel siegħat ta' dan il-Millenju mal-ħbieb f'postijiet ta' divertiment, dawn l-anzjani għaddewh waħedhom bħal ġranet l-oħrajn kollha.

Ma' dawn in-nies min jaf jekk insejniex l-eluf ta' nies, inklużi tfal, li qed jiġu abbużati u jsofru minn inġustizzji u sfruttament f'bosta pajjiżi fid-dinja. Jew kemm kien l-ammont ta' nies li mar il-Quddies biex l-ewwel siegħat tal-Millenju jibdihom b'tifħir lil Alla?!

Għalhekk, ejjew naħsbu kif matul dan il-Millenju nistgħu ngħixu dak li Ġesù pprova jgħidilna elfejn sena ilu. Huwa daqshekk diffiċli li matul dan il-Millenju nibdew ngħixu ma' dawn in-nies u ngħidulhom biex jintegraw ruħhom fis-soċjeta? Kieku nibdew niftakru f'dawn in-nies siekta u muġugħa tul is-sena kollha kieku l-ferħ li ħassejna meta konna qegħdin niċċelebraw il-bidu ta' dan il-Millenju nerġgħu nġedduh bl-istess imħabba li ġab Ġesù elfejn sena ilu. Imbagħad nistgħu ngħidu li l-*Millenium Bug* personalment effetwatek għax tkun qed toqrob il-paċi f'qalbek. ❑

QADI BLA PRETENSJONI

# Stil ta' Qadi Franġiskan

Dan hu stil kollu kemm hu evanġeliku: ġeneruż, bla ħlas u bla ebda tama ta' xi kumpens. Hu dak il-qadi umli mogħti bl-imħabba u magħmul lil kulħadd.

## Umli

Isir bla ebda daqq ta' trombi, b'konvinzjoni ta' min hu qaddej li ma jiswa għal xejn u persważ li jista' jiġi magħmul aħjar minn oħrajn, kieku kellhom l-istess talenti li Alla ta lilna. Franġisku dejjem qies lilu nnifsu bl-iżgħar qaddej. Mhux ta' b'xejn li hu ried li wliedu jissejħu l-Aħwa Żgħar!

## Bl-imħabba

Qadi mnissel minn u mgħajjex bl-imħabba u mħawwar bil-ġentilezza. F'dan ir-rigward Franġisku ħallielna eżempju mimli pedagoġija u psikoloġija fl-episodju tal-patri li qam bil-lejl jibki bil-ġuħ. Kien pront qam u qajjem miegħu lil uliedu l-oħra u ġegħelhom jieklu flimkien biex jiskansaw u jtaffu l-mistħija ta' ħuhom imġewwaħ. Qalilhom biex iserrħu rashom li dak l-ikel bil-lejl ħejjieh mhux għax żaqqieq imma għax imqanqal mill-karità fraterna. L-ikel ipaxxi l-aptit, imma l-karità tmantni l ispirtu. Il qadi bl imħabba u bil-ġentilezza żewweġ flimkien l-awtorità u l-ubbidjenza. Il-qadi mwettaq minn xi ħadd fis-setgħa huwa mmirat lejn il-ġid dovut lejn l-individwi u lejn il-komunità, filwaqt li l-qadi magħmul b'ubbidjenza juri x-xbieha ta' Alla f'min iħaddem l-awtorità. Franġisku ma kienx jikkmanda bħal xi prelat, imma b'mod ta' ministru u qaddej li lest jobdi b'umiltà anki lil ta' taħtu.

## Ma' kulħadd

Qadi indirizzat lejn il-ħlejjaq kollha. Franġisku kien iqis lilu nnifsu b'qaddej tal-bnedmin kollha bla ebda eċċezzjoni, għax kollha huma ulied Alla u aħwa ta' Ġesù. U mal-qadi tal-bnedmin żied jaqdi lill-ħlejjaq kollha meqjusin minnu mera ċara ta' tjubija u sbuħija ta' Alla u sellum li jwassal sat-tron tiegħu. Mal-qadi għaqqad ir-radd il-ħajr u t-tifħir tiegħu u dak tal-ħlejjaq lil Alla: "Mulejja, tkun imfaħħar mal-ħlejjaq kollha tiegħek." Għal Franġisku l-uniku u l-ogħla għan tiegħu kien il-Ħallieq: "Twajjeb Mulej int l-għola, tista' kollox; għalik huma t-tifħir, is-sebħ, il-ġieħ u kemm hawn barka." Bħal Ġesù hu kien il-qaddej ta' Alla per eċċellenza. ❑

*San Franġisk idewwi l-lebbrużi (Bażilika tas-Salib Imqaddes, Firenze, Italja).*



# IL-WEGHDA

minn *Lina BROCKDORFF ofs*

Bir-rogħda li kelli f'idi bilkemm stajt insib irkaptu ndaħħal iċ-ċavetta fis-serratura. X'ħin irnexxieli niftaħ u dħalt, waqaft fl-intrata ssummat. Ħassejtni qisni ħalliel, ħassejtni qisni qed nagħmel xi ħaġa mhux f'postha. Tajt ħarsa imbeżżgħa madwari. Kollox kien għadu l-istess, sa l-iċken labra tar-ras, u kollox nadif xummiema.

Hemm fuq il-*bureau* taħt it-taraġ kien hemm ir-ritratt tradizzjonali tat-tieġ tagħna, iħares lejja ċass minn ġo gwarniċ tal-fidda bl-akbar formalità u l-akbar enormità - (niftakar li kien rigal ta' ħija mill-Ingilterra) - bla sens ta' proporzjon ma' l-oġġetti ta' madwaru. Imbagħad, fuq it-tavolin ċkejken, ritratt imdaqqas, ritratt f'poża naturali meħud waqt ħarġa, li juri lilha u lili u lil Ronnie żgħir ta' xi sentejn bit-*teddybear* b'kollox - ( dan ħadithulna oħtha).

Ħassejt riġlejja mażżri tul il-passaġġ li jagħti għas-salott. Ngħid id-dritt, bilkemm ma bdejtx nissuspetta li seta' kien hemm xi ħadd hemm ... Għamilt l-almu, ħadt nifs qawwi u bdejt nikkalma lili nnifsi. Baħħ u skiet. U dak il-baħħ u s-skiet beda jinnervjani. Irħejtilha għall-kamra tas-sodda l-kbira. Nofs is-sodda kienet għada mikxufa, il-libsa tas-sodda mitluqa bl-addoċċ. L-istess waħda! Jista' jkun wara tant żmien? Iċċassajt inħares lejha. Tkexkixa ġriet ma' ġismi kollu, u b'sebgħi l-werrej bdejt immelles dik il-libsa safra ċara, irrakmata, delikata u nadifa. Bdejt nibża' naqbadha f'idi għax ... inniġġisha? ... għax nismellha? ... għax takkużani? ... jew għax taqsamli qalbi? Ma nistax ngħid liema minn dawn l-emozzjonijiet kollha kienet qed taħkimni l-aktar dak il-waqt, jista' jkun li kienu imħalltin tant tajjeb flimkien b'tali mod li ma tagħrafx liema taħkem l-aktar. Kemm hu kompless il-bniedem! Jew aħjar nammetti kemm jien imħawwad u stramb jien!

Intfajt bla ħeġġa bilqiegħda fuq is-sodda u erġajt ressaqt idi għal fuq il-libsa rrakmata. Kemm tifkiriet! Possibli li jien, Johnnie, spiċċajt hekk? Spiċċajt vittma ta' tifkiriet li, waqt li bdew iċarrtuli qalbi, bdew ukoll jakkużawni. Imma ma' din l-esperjenza ta' qrusa bdejt intiegħem ukoll ftit qtar ta' ħlewwa. Kien proċess mentali jew spiritwali li jien ma kellix kontroll fuqu. Ħassejtni li jien bħal qiegħ l-oċejan li ġo fih bdew jaħkmu l-irwiefen tal-maltemp, u jien bħal distakkat nipprova nanalizza x'qed jiġri. Ma kontx mgħaġġel biex jgħaddi l-maltemp għax kont qed niskopri Johnnie ieħor imsakkar ġo fija u li qatt ma kont naf bl-eżistenza tiegħu. X'kien qed jiġrili?

Ma nafx kemm kont ili hemm x'ħin iċ-ċempila metallika u kiefra bdiet iżżarżar. Ħasditni. L-ewwel reazzjoni kienet li nerfa' idi u nwaqqaf l-isveljarin ta' fuq il-komodina. Iċ-ċempila issuktat. Ġejt f'sikti u fhimt li dak kien it-telefon; mort niġri fuqu biex insikket u nifga dak il-ħoss arroganti li heżżiżni minn ħsibijieti; u li għalkemm minnhom ma ħadt xejn kostruttiv fl-istess ħin ħallew fija ħsus ta' tenerezza. "Hello. Iva, Johnnie ... eh ... iva ... imma domt ftit biex wasalt ... għadni kemm dħalt. Erġa' għidli x'kelli nġiblu lir-Ronnie.

Dalwaqt tarani hemm.



Kellha raġun tinħasad Freda. Kienet għadha ixxukjata, u bdiet tibża' li seta' ġara xi ħaġa lili wkoll. Kont ili biċċa sew hemm u sadattant kont għadni lanqas wasalt sal-kamra ta' Ronnie biex inġiblu ħwejġu. Ronnie, ibni ta' tnax-il sena dak inhar filgħodu tajritu karozza, u kien forsi qed jilgħabha mal-mewt.

Jekk allaħares qatt imut! ... lanqas biss flaħt naħsibha. Jekk allaħares qatt imut ikun kollu tort tiegħi ... forsi Alla jippermetti dan biex jikkastigani ... imma t-tifel ikun vittma nnoċenti. Le, le Mulej! Ikkastiga lili u mhux lilu u lil ommu.

Fi ftit sekondi ħtaft ħwejġu mill-kexxun u ġrejt bis-sorra 'l barra. Bdejt insuq kemm flaħt - quddiemi la bdejt nara karozzi u lanqas nies - bdejt nara biss wiċċ Ronnie, għajnejh ġo għadira demm. Jekk Ronnie kellu jmut kien jinħtieġli li narah u nkellmu għal ftit minuti, imqar għal ftit sekondi: kelli bżonn urġenti li narah. Fuq kollox jien missieru u kelli dritt li narah. Imma fir-realtà jien kelli dritt? Veru li jien missieru ... imma ... imma ... O Alla! Tfakkarnix! ... Kont ili li ħallejthom sitt snin u lil Ronnie kont narah biss sagħtejn fil-ġimgħa. Kelli bżonn li nilħqu ħaj. Mulej ... għadek tiftakarni? ... B'xorti tajba għadni naf illissen ismek ... Mulej żommu ħaj u qatt ma nitolbok xejn aktar b'tant ħerqa!

Bdejt inħejji x'kelli ngħidlu malli narah ... jekk ikolli x-xorti li nilħqu. Kont wegħedtu li għal għeluq żmienu, xahar ieħor, nixtrilu rota, għal Milied nixtrilu komputer u sen'oħra nsiefer miegħu sa Katanja ... Iblah li jien! U jekk imut? X'kont ser nagħmel jekk imutli? U x'kienet ser tagħmel ommu? Dan kien jonqosha. Min kien ser isabbarha? Imbagħad tkun weħedha żgur fil-kumpanija ta' qalbha maqsuma. Kif kont ser niffaċċjaha? Kont ili ma naraha sitt snin, u b'dan kollu leħinha, għalkemm mimli paniku, ma kellux fih l-ebda ton ta' akkuża jew tingiz. Kelmitni qisu qatt ma ġara xejn bejnietna u, wara li għarfitni b'dak li nqala', talbitni nġibilha ħwejġu bilġiri mid-dar għax hi kienet diġà l-isptar.

Wasalt, u battikata sħiħa biex nipparkja. Domt kwarta. Wara, bħal miġnun, mort infittex fejn seta' kien Ronnie ... jew il-katavru tiegħu. Min jaf? Ġrejt tul kurutturi, tlajt kemm il-taraġ, dort ma nafx kemm-il kantuniera, u staqsi minn hemm u staqsi minn hawn fl-aħħar, nifsi maqtugħ, wasalt qrib is-sala ta' l-operazzjonijiet fejn kien hu.

Wara bieb tal-ħġieġ, żewġ bankijiet ta' l-injam u fuqhom nofs tużżana nies, niesha. Xtaqt l-art tiblagħni. Naturalment dawk waslu qabli. Tgħid ser jgħiduli xi ħaġa? Iċanfruni? Jaħbtu għalija? Kien ikun jixraqli. Ħassejtni qisni dudu ta' l-art nitkaxkar infittex il-kenn ta' xi werqa biex nistaħba taħtha u ma nidhirx aktar. Nerġa' niġri 'l isfel wara li nħalli l-ħwejjeġ? Insellmilhom? Inkellimhom? Nagħmel ta' bir-ruħi li ma rajthomx? Kont wasalt fl-aħħar tarġa. Bdejt niksaħ u nirtgħod.

Ilmaħtha! Freda. Qamet minn fejn kienet u ġiet tilqagħni. Għajnejha kienu jleqqu imma dak il-ħin ma kenitx qed tibki, għal kuntrarju kellha nofs tbissima fuq wiċċha.

"Johnnie, naħseb li l-operazzjoni dalwaqt lesta ... ftit ilu *nurse* qaltli ... li taħseb li l-agħar għadda ... il-periklu l-kbir għadda. Il-ferita ta' rasu mhix gravi u għandu riglu miksura."

Indunajt li kienet ser tibda tibki imma fl-istess ħin bdiet tikkontrolla ruħha. Ħarsitli f'għajnejja u jien ma flaħtx illissen kelma.

Aktar minn dak iż-żmien imbiegħed ta' meta kont ninnamra magħha dawk għajnejha nifduni, qrajt fihom volumi sħaħ ... volumi li minnhom ma stajt nemmen b'xejn ... qrajt l-aktar li hi għadha l-istess Freda, l-istess marti ... U f'dak il-waqt qasir, li jekk tkejlu bl-arloġġ huwa mument insinifikanti, f'dak il-mument ħassejt fija il-kontinwazzjoni tat-taqbida, tal-maltemp ta' ġo fija. Ġara xi ħaġa. Ma tkellimtx u lanqas flaħt inħares aktar f'għanejha. Tgħid kont qed niġġennen jew kienet din xi ħolma jew ħass ħażin wara x-xokk tat-tifel? U min kien ser iserraħli rasi u jgħidli x'kienet?

Bħal iblah poġġejt fuq bank ħdejha, u ħriġt il-maktur mill-but. Ħadd ma lissen kelma. Kien silenzju li tħossu ser jisplodi bl-emozzjonijiet qawwija kontra xulxin.

Infetaħ beraħ il-bieb tal-ħġieġ - żaqżiq, ħsejjes u tisfir tar-roti ta' l-istreċer li fuqha kien hemm xi ħadd mgħotti b'liżar. Tgħid Ronnie? Ġrejt għal fuqu. In-*nurse* warrbitni waqt li Freda tiġbitni lura. "Dak qisu mejjet" ippruvajt ngħajjat b'leħen li ħareġ fgat.

Dak għadu taħt il-loppju ... "xi ħadd wieġeb". Kien minnu jew kienet qed tipprova isserraħli rasi?

"Ħares 'l hawn ... dan ibni ... għandi id-dritt li nkun naf ..."

Freda bla kliem xejn kompliet tiġbidni lura, erġajna fuq il-bank iebes, u l-istreċer baqa' dieħel b'aktar żaqżiq ġo sala faċċata. Wara eternità ta' kwarta sejħitilna. Kien beda jiġi f'sensih. Bdejt nipprova niftakar il-kliem kollu li tgħallimt bl-amment fil-karozza. "Ronnie ser nixtrilek rota, fil-Milied nagħtik komputer ... imbagħad ... x'iżjed? Fejn kien mar dak il-kliem sabiħ kollu li ħsibt qabel? Biex ser inferrħu? X'ser inwiegħdu?

Imma minn dan kollu ma għedtlu xejn. Dħalt ħdejh b'dirgħajja l-leminija fuq spallejn ommu u Ronnie fehem kollox. Ma wegħedtu xejn ... imma wegħedtu kollox! ❑

# TISLIBA 1

*minn P. Wistin ATTARD ofm cap*




1. Ħa jieħdu *qabda* tin. (Is 38, 21, wara v. 6) (5)
2. X'għamlilha s-serp. (Ġen 3, 13) (6)
3. Dielja ta' ... (Ġer 48, 32) (5)
4. Għaqda. (1 Kor 1, 9) (5)
5. Berbqu kollu. (Lq 15, 13) (4)
6. Imlaqqam it-Tewmi. (Ġw 11, 16) (5)
7. ..., għada nġib il-ġradijiet. (Eż 10, 4) (5)
8. Dawn *iqajmu* l-ġlied. (2 Tim 2, 23) (5)
9. Xorti. (Est 3, 7) (3)
10. Mhux battala biss. (Mt 12, 44) (7)
11. u 12. Xejnu għal kollox. (Dt 12, 2) (6)
13. Hekk hi triqthom. (Prov 11, 20) (6)
14. Isejħilha oħtna. (Film 2) (5)
15. Saħħaħ qalbek. (Salm 27, 14) (5)
16. Hekk għamel Demetriju lll-eżerċtu tiegħu. (1 Mak 11, 38) (5)
17. Jgħammru ħdejn il-... (2 Kron 21, 16) (5)
18. Jgħidu ħafna. (1 Tim 5, 13) (7)
19. Sultan tal-Persja. (Esd 1, 1) (4)
20. Firixha lejn it-Tramuntana. (Sof 2, 13) (3)
21. X'jagħmlu għajnejkom. (Mal 1, 5) (5)
22. Telgħet il-familja tiegħu. (1 Sam 10, 21) (5)

***RIŻULTAT TAT-TISLIBA TA' DIĊEMBRU:***

*MIMDUDIN: 5. Moħba; 6. Kines; 8. u 10. Ntawwal; 9. Nisa; 13. Eqdem; 15. Akaja; 17. Nar; 18. Linka; 19. Floku.*
*WEQFIN: 1. Ġaħas; 2. Pjan; 3. Pika; 4. Nfnew; 5. Munzell; 7. Silvanu; 11. Imnara; 12. Farfar; 14. Dinbu; 16. Azotu.*

*Ir-rebbieħ jingħata ktieb sabiħ. Dan jittella' bix-xorti mit-tislibiet tajba li jaslu mhux aktar tard mill-ħmistax tax-xahar. Ibgħatu s-soluzzjoni tagħkom f'dan l-indirizz: Tisliba Dawl Franġiskan, Kunvent tal-Kapuċċini, Floriana - VLT 14*

**Ir-Rebbieħ ta' dan ix-xahar huwa:**
**Mr. Jacob Dalli - Valletta**

**Il-Bibbja li ntużat għal din it-Tisliba hija dik ta' l-Għaqda Biblika (Edizzjoni 1984 jew 1997).**

# P O E Ż I J A

## OMM ALLA

*minn P. Wistin ATTARD ofm cap.*

Kif jista' minn ġo warda
Jitwieled il-ġennien?
Jew joħroġ il-fuħħari
Miż-żinġla kollha lwien?

Min qatt mill-anġli ħaseb
Kif bniedma tista' ssir
Omm stess ta' min ħalaqha.
Dan għaġeb tassew kbir!

U 'ekk tgħid lill-ħlejjaq kollha
Li dal-misteru sar
Minn omm u xebba, moħbi
Fid-dlam tal-lejl ġo għar,

Ma tlum lil ħadd li jgħidlek:
Min seta' jagħmel dan?
Kliem iebes biex jitwemmen.
Min kien, kien xi setgħan!

Omm Alla! X'inhu s-sema,
Jo x-xmajjar jo l-widien,
Jew l-isbaħ dwal għammiexa
Jew liema għaġeb kien;

Omm Alla! X'armonija
Jew leħen tas-smewwiet?
Min qal kliem akbar minnkom?
Min daq eħla ħlewwiet?

Omm Alla! L-ibħra mmensi
Inġabru lkoll flimkien,
Ma' l-'iva' tiegħek tgeddsu
Ġo keffa ta' miżien.

Omm Alla! Irjus ta' ħila
Għaġġibt u tħawdu sħiħ.
Għall-kobor tiegħu faħħru,
Agħtih kull ħajr u ġieħ.

Għax hekk ried is-Setgħani
Jgħollik bħalma ċċekkint.
Kull nisel jgħidlek hienja
Omm Alla, xebba u bint.

*15.08.'99*

*N.B. Korrezzjoni dwar il-poeżija fuq San Franġisk fil-ħarġa ta' Ottubru: Fl-ewwel vers il-kelma "tfajliet" trid tiġi "tajfiet".*

# KNISJA b'differenza

Ridna li nieħduha fejn xtaqna u xtaqna li Ikun tista' timxi, u allura għamilnieha fuq ir-roti u semmejnieha: *Church on Wheels*. Dan kien wieħed mill-proġetti tal-Kunsill Interdjoċesan tal-Vokazzjonijiet (K.I.V.) li qiegħed jorganizza għal dan il-millenju l-ġdid. Il-K.I.V. huwa magħmul minn grupp ta' saċerdoti, reliġjużi u lajċi kkonsagrati li huma mpenjati b'mod dirett fil-ħidma vokazzjonali. Il-membri huma msejħa "Edukaturi Vokazzjonali". Proġetti oħra li diġà seħħew kienu: Konkors ta' kanzunetti reliġjużi b'tema vokazjonali, liema kanzunetti ħarġu f'CD bit-titlu "Iva ... Niġi warajk"; sar ukoll festival kbir bl-isem ta' "youthCall"; bdiet ukoll attività ta' mpenn fil-volontarjat u fil-ġejjieni favur l-ambjent; ser isir ukoll talb għall-vokazzjonijiet matul kull ġurnata tas-sena 2000, mis-saċerdoti, reliġjużi u lajċi kkonsagrati ta' Malta u Għawdex.




L-idea taċ-*Church on Wheels* twieldet f'Novembru tas-sena 1998 waqt seminar li l-istess kunsill organizza biex jippjana attivitajiet għall-millenju l-ġdid. Il-ħsieb huwa li noħorġu bi *trailer* tul is-sena kollha fil-parroċċi, skejjel, u fit-toroq tagħna, biex b'mod modern nuru, liż-żgħażagħ b'mod speċjali, is-sbuħija li tkun *full-timer* għal Alla. Fl-istess ħin kienet ix-xewqa tagħna li niltaqgħu man-nies b'mod dirett billi noħorġu mill-kunventi, djar u knejjes tagħna u mmorru nfittxu lil dawk li forsi qatt ma rawna jew qatt ma ġew f'kuntatt magħna, u naqsmu magħhom il-gost li tgħix għal Alla fil-qadi ta' l-oħrajn mingħajr ma tistenna xejn lura. B'dan il-mod aħna nixtiequ nkunu ta' servizz għal dawk li qed iħossu din is-sejħa f'qalbhom biex jingħataw totalment lil Alla iżda ma jafux kif għax qatt ma ltaqgħu ma' min jista' jgħinhom.

Barra minn dawn, il-kuntatt dirett man-nies, speċjalment maż-żgħażagħ, jista' jgħin biex wieħed jinduna b'din is-sejħa ġewwa fih, ħaġa li forsi qatt ma ta kasha jew qatt ma kkonsidraha. Dan huwa x-xogħol appuntu tagħna, membri tal-kunsill, bħala edukaturi vokazzjonali.

Għal dan il-għan ksibna *mechanical horse* u *trailer* magħluq ġentilment mogħti lilna mill-kumpannija *"Express Trailers"*. Dan it-*trailer* ġie mibdul f'kappella ċkejkna li tintuża wkoll bħala *media room*. Fiha aħna ser nuru videos vokazzjonali msieħba ma' diskussjoni fuq l-istess suġġett. Fiha jista' jkun hemm ukoll *prayer meetings* u talb ieħor flimkien ma' ċelebrazzjonijiet ewkaristiċi. Dawn l-attivitajiet ikunu dejjem għall-gruppi żgħar ta' bejn għaxra jew ħmistax-il persuna. L-iskop huwa li jkollna ċans nagħmlu kuntatt sewwa ma' min jidħol fit-*trailer*.

Kull xahar it-*trailer* ser ikun f'diversi skejjel sekondarji u parroċċi.

***Dawn huma l-postijiet li t-trailer ser ikun matul ix-xahar ta' Jannar (jista' jkun hemm xi tibdil):***

- **It-Tlieta, 11 - fl-iskola sekondarja tal-bniet taż-Żejtun**
- **L-Erbgħa, 12 - fl-iskola sekondarja tal-bniet tal-Mosta**
- **Il-Ġimgħa, 14 - fl-iskola sekondarja tas-subien tal-Marsa**
- **It-Tlieta, 18 - fl-iskola sekondarja tal-bniet ta' l-Imrieħel**
- **Il-Ħamis, 20 - fil-parroċċa ta' San Bastjan - Qormi**
- **Il-Ġimgħa, 21 - fl-iskola sekondarja tal-bniet ta' Santa Lucia**
- **Il-Ħamis, 27 - fil-parroċċa tan-Naxxar**

# L-IKLA TAL-MILLENJU
# Kemm ser tiswielek?

**Jekk ser tiekol barra mid-dar naħseb ser tiswielek ħafna aktar minn ikla tas-soltu! Nawguralek li tieħu gost.
Iżda ftakar f'ħafna nies oħra li ma jistgħux jagħmlu bħalek.**



Aħna, bl-għajnuna ġeneruża tiegħek lejn il-MISSJONI, f'ismek nistgħu ngħinu lil dawn in-nies biex ikollhom ħajja aħjar.
Jekk trid, tista' tgħin lill-MISSJONI tagħna l-Kapuċċini billi:

- tagħmel **BORŻA TA' STUDJU** biex tgħin lis-Seminaristi Kapuċċini Kenjani (Lm 250 f'daqqa jew ftit ftit; waħdek jew flimkien ma' oħrajn);
- issieħeb lill-għeżież tiegħek, ħajjin u mejtin, fil-**GĦAQDA TAL-QUDDIES** immexxija mill-Ordni Kapuċċin;







- iġġedded l-abbonament tiegħek fir-rivista **DAWL FRANĠISKAN** u tħajjar oħrajn jabbonaw fiha;
- tiġbor **BOLOL** u **TELECARDS** użati;







*"Kont bil-ġuħ u tmajtuni, kont bil-għatx u sqejtuni, kont għeri u libbistuni ... dak li għamiltu ma' wieħed mill-iżgħar fost dawn ħuti, għamiltuh miegħi"*
*(Mt 25, 35-40)*

**Għal aktar tagħrif ikteb lil:**
**Fr. Joe Alessandro,**
**Uffiċċju Missjoni,**
**Kunvent tal-Kapuċċini,**
**Floriana VLT 14**
**jew ċempel: 233874 / 234949**